Vol 44
Nru 219
Jannar - Marzu 2023

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija



EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM



ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2023



comalt@ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*Fdalijiet tal-Knisja tan-Nea*

# Werrej




6





17





23



28


6 Il-Knisja tan-Nea Theotókos

17 L-Ittra ta' San Ġakbu (2)

23 Il-profeta Eżekjel
L-Għaqda Bejn Israel u l-Ġudea

28 Il-Bibbja: Għajn ta' talb

36 L-Ispirtu s-Santu fl-Evanġelju
Skont San Ġwann




36

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## IL-MANUSKRITTI TA' QUMRAN INSTABU 75 SENA ILU

Iż-żona tad-Deżert tal-Lhudija maġenb il-Baħar il-Mejjet hi mimlija rdumijiet u għerien, mifrudin mill-wadi li jixirfu mill-għoljiet tal-Lhudija u li meta tagħmel ix-xita jsiru xmajjar perikolużi ta' ilma u tajn li jidfnu kull ma jsibu quddiemhom. Fuq dawn l-irdumijiet diversi bedwini Palestinjani sal-lum għadhom jirgħu l-merħliet tagħhom, bil-mogħoż jixxabbat mal-irdumijiet ifittex il-ftit xewk u ħaxix li jikber fid-deżert.

Kien jum minnhom fl-1947, eżattament 75 sena ilu, li żagħżugħ bedwin jismu Jum'a y El-Dhib kien qiegħed jirgħa l-mogħoż fiż-żona ta' Qumran, li tifrex fuq ix-xatt tat-tramuntana tal-Baħar il-Mejjet, mhux bogħod ħafna minn Ġeriko. Fid-daqqa u l-ħin mogħża waqgħet ġo ħofra fl-għoli tar-rdum, u sabet ruħha ġo għar. Dan iż-żagħżugħ ipprova jara kif jagħmel biex joħroġha minn hemm, imma kien diffiċli għax il-mogħża kienet imwerwra u trekknet fl-għar. Għalhekk beda jixħet il-ġebel fid-daħla tal-għar biex ibeżżagħha u toħroġ barra. Bosta ġebel waqgħu fl-għar b'ħoss mitfi, imma ġebla minnhom laqtet xi ħaġa li tkissret, u li kienet donnha xi fuħħar li tkisser. Il-bedwin kien mimli kurżità u mar jixxabbat mal-blat biex jidħol fl-għar kemm biex iġib il-mogħża kif ukoll biex jara x'kien dak il-ħoss.

Malli daħal sab dak l-għar xott mimli ġarar kbar tal-fuħħar li kellhom għatu fuqhom. Malli fetaħ waħda minnhom sab fiha romblu ta' parċmina magħmula mill-ġlud tal-annimali, u li fuqha kien hemm kitba stramba. Il-bedwin qata' biċċa minnha u ħadha miegħu. Il-mogħża kienet il-kawża tal-iskoperta l-aktar importanti tas-seklu 20, l-iskoperta tal-manuskritti ta' Qumran.

Il-bedwin mar Betleħem, fejn kien hemm suq tal-bedwini, u hemmhekk wera l-parċmina lil wieħed antikwarju jismu Khalil Iskander Shadin. Dan mill-ewwel induna li dak il-manuskritt kellu valur kbir storiku u mar bih fil-Monasteru ta' San Mark tas-Sirjani Ortodossi f'Ġerusalemm, biex jurih lill-Arkimandrita Mar Athanasius Yeshua Samuel. Dan ikkuntattja lill-espert biblista, d-Dumnikan P. Roland de Vaux tal-École Biblique et Archéologique Française ta' Ġerusalemm. De Vaux mill-ewwel induna li dik il-kitba kienet kitba tal-epoka Erodjana, jiġifieri tal-ewwel seklu, kontemporanja għal żmien Ġesù.

Sadanittant l-aħbar tal-iskoperta ta' dan il-manuskritt ġriet bħal berqa u diversi bedwini bdew imorru jfittxu fl-għerien ta' madwar Qumran, fejn instabu ġarar oħrajn. Kien ċar li, fid-deżert tal-Lhudija kien hemm biblioteka sħiħa moħbija fl-għerien, li tqiegħdet hemmhekk kważi elfejn sena qabel u li kienet baqgħet preservata minħabba l-klima xotta tad-deżert.

L-1947 kienet sena kruċjali fl-istorja tal-Art Imqaddsa. Kien f'dik is-sena li l-Ingliżi ddeċidew li jtemmu l-Mandat Britanniku tal-Palestina wara r-rewwixti li qamu bejn il-Palestinjani u l-Israeljani li kienu daħlu bi ħġarhom wara l-Balfour Declaration tal-1926, li offriet "homeland" għal-Lhud fil-Palestina, u speċjalment wara l-Gwerra u l-Holocaust li sofrew il-Lhud. Fid-29 ta' Novembru 1947 il-Ġnus Magħquda ddikjarat li l-Palestina tinqasam, bil-ħolqien ta' Stat Israeljan u ieħor Palestinjan li kien protett mir-Renju tal-Ġordanja. Fl-14 ta' Mejju 1948 Israel iddikjara l-indipendenza u mill-ewwel ġie attakkat mill-iStati Għarab ta' madwaru. Iż-żona ta' Qumran spiċċat bħala parti mill-Ġordanja li kienet ħakmet ix-Xatt tal-Punent jew Ċisġordanja.

Sadanittant l-arkeoloġi Dumnikani, taħt it-tmexxija ta' P. Roland De Vaux bdew l-iskavi sistematiċi u sabu s-sit ta' Qumran, li ġie identifikat bħala l-post li fih kienet tinġabar il-komunità tal-Esseni, li kienu setta Lhudija li kienet twarrbet mit-tmexxija uffiċjali tal-qassisin tat-Tempju ta' Ġerusalemm fis-seklu 2 q.K. u kienet temmen li kienet il-komunità tal-perfetti tal-aħħar żminijiet. Fl-għerien ta' madwar Qumran instabu diversi rotoli u manuskritti tat-Testment il-Qadim, fosthom ir-rotolu tal-Profeta Isaija. Instabu wkoll kitbiet tal-komunità Essena, bħalma kienu r-Regola tal-Esseni, ir-Rotolu tat-Tempju, il-Ktieb tal-Gwerra bejn Ulied id-Dawl u Ulied id-Dlam, u diversi kitbiet apokrifi u extra-bibliċi oħrajn.

Uħud minn dawn il-manuskritti ġew studjati u esposti fil-Mużew Arkeoloġiku ta' Amman fil-Ġordanja, u fir-Rockefeller Museum ta' Ġerusalemm. Mar Athanasius kien ġarr xi rotoli miegħu fl-iStati Uniti. Is-serje ta' tiftix arkeoloġiku tkompla mill-1949 sal-1954, meta b'sorpriża ta' kulħadd

instabet aħbar fuq il-Wall Street Journal ta' New York li l-manuskritti li nstabu f'Qumran u li kienu ttieħdu fl-iStati Uniti nxtraw minn persuna, li mbagħad inkixfet li ma kienet ħadd aktar għajr l-iStat ta' Israel!

Daħlu fix-xena studjużi Israeljani, fosthom Eleazar Sukenik u ibnu Yigael Yadin, kif ukoll l-università Ebrajka, li bil-mod ħadu f'idejhom l-istudju ta' dawn il-manuskritti. Meta mbagħad, fil-Gwerra tal-1967, Israel okkupa x-Xatt tal-Punent, Qumran spiċċa taħt it-tmexxija Israeljana kif ukoll ir-Rockefeller Museum. Minn dak il-mument l-arkeoloġi Dumnikani ma setgħux aktar imexxu skavi, u l-istorja tkompliet mill-Israeljani.

Illum il-manuskritti ġew studjati u huma esposti (imma forsi kopji tagħhom) fix-Shrine of the Book tal-Israeli Museum ta' Ġerusalemm. Jingħad li l-oriġinali huma mħarsin ġo security vaults forsi fl-Università Ebrajka. Il-misteru ta' Qumran u tal-Esseni għadu ma ġiex solvut għal kollox, u l-istudjużi dejjem ħerġin b'teoriji ġodda. Imma l-importanza tal-manuskritti hi enormi, għax huma jagħtuna t-test bibliku tal-1 seklu, speċjalment fil-każ tal-Profeta Isaija, u dan hu eqdem mit-test masoretiku tas-seklu 7.

Din is-sena nfakkru 75 sena mill-iskoperta meraviljuża tar-rotoli tal-Baħar il-Mejjet f'Qumran. Għalkemm ma nsibu l-ebda riferiment għall-Esseni fit-Testment il-Ġdid, u lanqas ma hu probabbli li Ġwanni l-Battista kien membru tal-komunità qabel ma mar jgħammed ftit kilometri bogħod fuq ix-xaqliba l-oħra tax-Xmara Ġordan, il-manuskritti ta' Qumran huma ktieb miftuħ dwar id-dinja li fiha għex Ġesù u li fiha twieldet l-ewwel komunità nisranija. Huma forsi l-akbar teżor li jħares fil-kultura tiegħu il-poplu Lhudi, u li issa hu preservat għall-ġenerazzjonijiet futuri.





*Imperatur Gustinjanu*

# IL-KNISJA TAN-NEA THEOTÓKOS

***Noel Muscat ofm***

*Knejjes Antiki meqruda f'Ġerusalemm*

Il-belt ta’ Ġerusalemm tħares fiha diversi Knejjes u Santwarji marbutin mal-ġrajjiet tal-fidwa. Dawn il-Postijiet Qaddisa ġew imħarsa matul l-ewwel żewġ sekli tal-era Kristjana mill-komunità Lhudija-Kristjana li kienet tifforma l-Knisja-Omm ta’ Ġerusalemm. Meta mbagħad intemm iż-żmien tal-persekuzzjonijiet tal-Imperu Ruman, u l-Imperatur Kostantinu, bl-editt ta’ Milan fi Frar tas-sena 313 ta l-libertà lir-reliġjon Kristjana, u speċjalment wara li ommu Elena żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 326, wara li binha Kostantinu kien iddikjara l-Kristjaneżimu bħala reliġjon uffiċjali fl-Imperu waqt il-Konċilju ta’ Nicea (325), fl-Art Imqaddsa beda perjodu ta’ bini ta’ Knejjes u Bażiliċi importanti, b’mod partikulari l-Bażilika tal-Qabar ta’ Kristu f’Ġerusalemm, il-Bażilika tan-Nativitá f’Betleħem, u l-Bażilika tal-Eleona fuq l-Għolja taż-Żebbuġ.

Dan l-ewwel perjodu ta’ fjoritura ta’ Knejjes wassal biex l-Art Imqaddsa ssir kollha kemm hi Kristjana, matul il-perjodu tal-Imperu Biżantin, li beda minn meta Kostantinu mexxa l-kapitli tal-Imperu minn Ruma għal Biżanzju (Kostantinopli) fis-sena 330 u tawwal sa ma l-Art Imqaddsa għaddiet taħt id-dinastija Musulmana bir-rebħiet ta’ ‘Omar ibn al-Khattāb tal-Kaliffat Rashidun, li daħal Ġerusalemm fis-sena 638 wara li l-belt ġiet ċeduta mill-Patrijarka Sophronios, perjodu segwit mill-kaliffat tal-Umajjadi. F’din l-era Biżantina l-Art Imqaddsa u l-Ġordanja imtlew bi Knejjes u Monasteri, li l-fdalijiet tagħhom instabu mill-arkeoloġi, l-aktar permezz tal-ħidma tal-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta’ Ġerusalemm, li ilhom seklu jagħmlu skavi ta’ siti Kristjani fil-Ġordanja, u llum il-ġurnata permezz ta’ skavi li jsiru minn arkeoloġi Israeljani u kollaboraturi internazzjonali fid-diversi siti arkeoloġiċi f’Israel.

Mument ieħor importanti ta’ bini ta’ knejjes fil-perjodu tal-ħakma Biżantina kien dak ta’ żmien l-Imperatriċi


*Ġerusalemm fil-Mappa ta’ Madaba*


Kostantinu

Eudocia, mart l-Imperatur Teodosju II. Din għexet Ġerusalemm mis-sena 444 sa ma mietet fis-sena 460. Eudocia kabbret u saħħet il-ħitan tal-belt, u waqqfet il-Knisja ta' San Stiefnu fuq it-tramuntana ta' Ġerusalemm, fejn illum hemm l-École Biblique Française tad-Dumnikani.

Kien f'dan il-perjodu ta' dominazzjoni Biżantina li seħħu r-rewwixti tas-Samaritani kontra l-Insara Biżantini fis-snin 484-573, u l-aktar ir-rewwixta tas-sena 529, li fiha nqerdu bosta mill-Knejjes mibnija fl-era Kostantinjana. Wara li l-Biżantini rnexxielhom jistabilixxu l-ordni nassistu għal perjodu ieħor ta' bini ta' Knejjes, l-aktar taħt l-Imperatur Ġustinjanu I (527-565). L-aktar knejjes magħrufin li għadhom weqfin sal-lum kif bnihom Ġustinjanu huma l-Bażilika tan-Nativită f'Betleħem (li Ġustinjanu ordna li tinbena flok il-Bażilika Kostantinjana) u l-Knisja u l-Monasteru ta' Santa Katerina ta' Lixandra taħt il-muntanja Sinaj. Ġustinjanu, iżda, bena Knisja oħra importanti f'Ġerusalemm, li llum ma għadhiex teżisti. Din kienet il-Knisja ta' Marija, Omm Alla, imsejħa bl-isem Grieg *Nea Theotókos*, appuntu l-Knisja ta' "Omm Alla l-Ġdida." Sfortunatament din il-Knisja kienet ġiet meqruda matul l-invażjoni tal-Persjani fis-sena 614, u baqgħet imġarrafa u qatt ma nbniet mill-ġdid, hekk li mal-medda tas-sekli ntesiet għal kollox. Kien biss wara 1400 sena, li nstabu xi fdalijiet tagħha fil-1977 mill-arkeoloġi Israeljani Nahman Avigad u Yoram Tsafrir.

## Xhieda antiki dwar il-Knisja ta' Nea Theotókos

Il-knisja ta' *Nea Theotókos* inbniet fit-tmiem tat-triq ewlenija ta' Ġerusalemm fi żmien il-Biżantini, jiġifieri t-triq Rumana jew *Cardo Maximus*, li kienet taqsam il-belt pagana li kien bena l-Imperatur Ælio Adrijanu fis-sena 135, u li kien semmieha Ælia Capitolina. F'din it-triq prinċipali li kienet taqsam il-belt mit-tramuntana san-nofsinhar, u li fdalijiet tagħha wieħed jista' jarahom fil-Kwartier Lhudi ta' Ġerusalemm l-antika, wara skavi li saru fl-istess Kwartier, kont issib proprju fiċ-ċentru l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Aktar lejn in-nofsinhar, kważi

fit-tarf tal-*Cardo Maximus*, illum Habad Street, inbniet il-Knisja tan-*Nea Theotókos*, li kienet tinsab fuq l-għolja tal-punent quddiem l-ispjanata tat-Tempju, li lejha kienet tħares l-abside ta' fuq wara ta' din il-Knisja. In-*Nea Theotókos* ġiet ikkonsagrata fl-20 ta' Novembru tas-sena 543. It-tifkira tal-Preżentazzjoni tal-Verġni Marija fit-Tempju nhar il-21 ta' Novembru tfakkar proprju din il-ġrajja storika.

L-istoriċi kienu jafu bl-eżistenza ta' din il-Knisja l-aktar wara li fl-1884 instabet mappa tal-Art Imqaddsa fil-mużajk tal-paviment tal-Knisja ta' San Ġorġ f'Madaba, il-Ġordanja. Din kienet Knisja li nbniet bejn is-snin 542 u 570. Din il-mappa kbira fuq il-paviment fil-fatt tirrappreżenta l-belt Biżantina ta' Ġerusalemm fil-kuntest tal-Art Imqaddsa, u nilmħu f'din il-mappa l-Knisja ta' *Nea Theotókos*, li turina allura l-perjodu li fih inbniet il-Knisja ta' Madaba u saret din il-mappa. Madaba kienet belt importanti fil-Ġordanja, li fiha kien hemm skola ta' mużajċisti. Fil-belt instabu diversi fdalijiet ta' mużajċi Biżantini, kif instabu fil-Ġordanja kollha kemm hi, l-aktar bil-ħidma tal-mibki arkeologu Franġiskan Patri Michele Piccirillo OFM († 26 ta' Ottubru 2008). Minħabba l-ħerba li ħalliet warajha l-invażjoni tal-Persjani fis-sena 614 u wkoll minħabba l-fatt li l-Umajjadi kienu neħħew xi motivi ta' figuri mill-mużajk, li għall-Musulmani kienu projbiti, u wara li Madaba ġiet meqruda minn terremot fis-sena 746, din il-Knisja spiċċat imġarrfa u abbandunata. Għalkemm il-mużajk inkixef fl-1884, waqt li l-Knisja tal-lum kienet qed tinbena, ir-riċerka fuq dan il-mużajk saret biss fl-1896. Fis-snin tal-ewwel nofs tas-seklu 20 partijiet kbar ta' din il-mappa fil-mużajk sfortunatament sofrew ħsarat minħabba nirien, u minħabba l-umdità u r-rifs tar-riġlejn tan-nies fil-Knisja ta' San Ġorġ. Kien biss fl-1964 li d-*Deutscher Verein*

*Fdalijiet tan-Nea Theotokos*




*Michele Piccirillo*

*zur Erforschung Palästinas*, l-assoċjazzjoni Ġermaniża għall-Esplorazzjoni tal-Palestina ndaħlet biex issalva l-mappa mużajkata, u tqabbdu l-arkeoloġi Heinz Cüppers u Heinrich Brandt biex jirrestawrawha.

B'fortuna kbira l-parti tal-mappa li tirrappreżenta l-belt ta' Ġerusalemm baqgħet imħarsa. Ninnutaw fiċ-ċentru tagħha l-isem Grieg ΙΕΡΟΥΣΑ[ΛΉΜ]. Hemm diversi postijiet tal-belt qaddisa li huma immarkati, fosthom il-Bieb ta' Damasku, il-Bieb ta' San Stiefnu, il-Bieb tad-Deheb, il-Bieb ta' Sijon, il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu u l-Knisja tan-*Nea Theotókos*. Jidher ukoll il-*Cardo Maximus* bil-kolonni tal-ġnub. Iż-żewġ knejjes prinċipali huma rappreżentati b'mod promimenti, hekk li nifhmu li kienu knejjes kbar u importanti f'Ġerusalemm Biżantina.

Għandna deskrizzjoni tal-Knisja tan-*Nea Theotókos* minn Procopios ta' Ċesarija, li kien l-istoriku fil-palazz imperjali ta' Ġustinjanu. Dan jikteb: "F'Ġerusalemm [l-Imperatur Ġustinjanu] iddedika santwarju lil Omm Alla, li l-ebda knisja oħra ma tixbħu fid-daqs. In-nies isejħu din il-Knisja bl-isem ta' *Knisja l-Ġdida (Nea)*." Din ix-xhieda li jagħti Procopios dwar l-eżistenza ta' din il-Knisja li kienet magħrufa għall-kobor tagħha hi l-eqdem li għandna u li turina l-evidenza li din kienet Knisja magħrufa sew f'Ġerusalemm tal-perjodu Biżantin.

## L-isforzi biex tinstab il-Knisja ta' *Nea Theotókos*

Fost l-istoriċi kien hemm min kien jidentifika l-Knisja ta' *Nea Theotókos* mal-Moseka ta' Al-Aqsa, li hemm fuq l-ispjanata tat-Tempju, proprju faċċata tal-fdalijiet arkeoloġiċi tan-*Nea*. Ir-raġuni tista' tkun li n-*Nea Theotókos*, fit-tradizzjoni Kristjana Orjentali, ġiet marbuta mal-ġrajja apokrifa tal-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju. X'aktarx ukoll għaliex il-Kaliff Umajjad Al-Walid I (705-715), li bena l-Moskea ta' Al-Aqsa, bnieha fi stil bażilikari, b'seba' navati mifrudin mill-kolonni, proprju kif kienu jinbnew il-bażiliċi Biżantini.  L-istess Kaliff kien dak li kien ittrasforma l-Knisja ta' San Ġwann Battista ta' Damasku f'Moskea, kif għadha sal-lum, u għaldaqstant kien hemm min kien jaħseb li anke n-*Nea Theotókos* kienet inbidlet fil-Moskea ta' Al-Aqsa. Imma nafu wkoll li l-Musulmani ma tantx kienu jbiddlu l-Knejjes Insara f'Moskej, u li fi żmien il-Biżantini l-ispjanata tat-Tempju, fejn kien hemm it-Tempju tal-Lhud meqrud minn Titu fis-sena 70 w.K., kienet abbandunata u l-Kristjani qatt ma bnew knejjes fuqha. Fuq kollox Procopios u x-xhieda kollha tal-era Biżantina qatt ma jgħidu li l-Knisja tan-*Nea* kienet tinsab fuq l-ispjanata tat-Tempju, imma pjuttost li kienet tinsab fuq ix-xaqliba tal-lbiċ tat-Tempju, fuq it-tarf tal-Belt l-għolja.

Kien lejn tmiem is-seklu 19 li, waqt li kien qiegħed jinbena l-ospizju (illum Hotel) tal-Lhud Sefarditi fil-Kwartier Lhudi ta' Ġerusalemm, ħarġu għad-dawl xi fdalijiet antiki fuq din ix-xaqliba faċċata tal-ispjanata tat-Tempju. L-iskavi saru mill-arkeologu Dumnikan Patri Louis-Hugues Vincent OP (1872-1960) tal-École Biblique. Dan kixef xi ħitan u pavimenti tal-mużajk. Ir-riżultati tas-sejba tiegħu ġew ippubblikati fl-1914, u kien hu li issuġġerixxa li dawn kienu l-fdalijiet tal-Knisja ta' *Nea Theotókos*. Imma billi kienu qed jinstabu diversi fdalijiet oħrajn simili fil-Kwartier Lhudi, li kienu

kollha fdalijiet ta' bini nobbli tal-era Biżantina, it-teżi ta' Vincent ma sabitx aktar sostenituri.

Meta Israel okkupa l-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm fil-Gwerra tal-1967, mall-ewwel saru skavi intensivi fil-Kwartier Lhudi. Dawn l-iskavi tmexxew mill-arkeologu Israeljan Nachman Avigad. Dan skopra parti minn ħajt oħxon li kien twil aktar minn 40 pied, u li kien datat għall-epoka Biżantina tardiva, jiġifieri għas-seklu 6. Il-ħajt jihder imponenti, għax hu oħxon xi 20 pied u inbena fuq il-blat samm. Fuq barra għandu ġebel kbir u qawwi filwaqt li fuq in-naħa ta' ġewwa l-knaten huma iżgħar. Imma l-aktar element importanti kien li nstabet abside li tħares lejn il-lvant, sinjal ċar ta' Knisja, billi l-knejjes Biżantini kellhom il-faċċata lejn il-punent u l-fond nofs tond (abside) lejn il-lvant. Bl-għajnuna tad-deskrizzjoni ta' Procopios u tal-evidenza li teżisti fil-mappa ta' Madaba wieħed seta' jikkonkludi li kienet insabet parti mill-Knisja antika ta' *Nea Theotókos*. X'aktarx ukoll li l-Knisja, li kienet kbira ħafna, kellha tliet absidi, jiġifieri l-abside ċentrali u żewġ absidi iżgħar waħda kull naħa. Avigad sab parti mill-abside tat-tramuntana. Hu sab ukoll xi ħitan qawwija li kienu x'aktarx support tal-pedamenti tal-istess Knisja, li kif għidna, kienet kbira ħafna. Aktar lejn il-punent, bejn il-Kwartier Lhudi u l-Kwartier Armen, Avigad sab ukoll fdalijiet ta' pavimenti tal-irħam, li hu kkonkluda li kienu x'aktarx parti mill-faċċata jew *atrium* tal-Knisja Biżantina. Normalment il-knejjes Biżantini kien ikollhom bitħa kwadrata quddiem il-faċċata, imdawra minn kolonni, li kont tidħol minnha biex imbagħad tgħaddi mill-bieb ewlieni tal-Knisja.

Aktar tard l-arkeoloġi Israeljani komplew xi skavi barra mis-swar tas-sezzjoni tal-Kwartier Lhudi ta' Ġerusalemm. Huma sabu fdalijiet antiki anke barra mill-ħitan tal-belt. Dawn kienu jikkonsistu f'ġebel kbir li nstab lejn il-punent tal-Bieb tad-Demel, u li kien fi qbil perfett mal-partijiet l-oħrajn tal-Knisja li kienu nstabu qabel. Fil-fatt l-arkeoloġi sabu l-kantuniera tax-xlokk tan-*Nea Theotókos*. Din il-parti tal-Knisja toħroġ barra mis-swar tal-belt u tidher li tistrieħ fuq bażi kwadrata ta' ġebel samm li hu mqabbad mal-blat ta' taħt is-sur. B'hekk din is-sezzjoni



*Dehra ta' kif kienet in-Nea Theotokos*


Procopius minn Caesarea

tal-Knisja tidher li tistrieħ fuq pedamenti li jinżlu fil-fond fil-blat, billi fuq din in-naħa hemm diżlivell qawwi tal-għolja tal-punent li fuqha kienet mibnija l-Knisja ta' Ġustinjanu. Jidher ċar li hemm differenza bejn il-ġebel tal-Knisja nnifisha u dak tal-pedamenti ta' taħtha. Il-knaten tal-Knisja huma akbar, aktar maħdumin u imponenti. Jidher li din iż-żona li toħroġ barra mis-swar kienet l-abside tan-nofsinhar tan-*Nea Theotókos*. Irridu niftakru li s-swar tal-belt kif narawhom illum inbnew fil-bidu tas-seklu 16, u għalhekk għattew u għaddew minn fuq fdalijiet aktar antiki, bħal fil-każ li qed insemmu. Il-ħajt tan-nofsinhar tal-Knisja kien mibni biex miegħu iserraħ diversi binjiet oħrajn, li instabu l-pedamenti tagħhom, fosthom xi ospizji li Procopios jgħidilna li Ġustinjanu kien bena mal-Knisja. Dawn l-ospizji kellhom l-iskop li jilqgħu fihom il-pellegrini li kienu jżuru l-Knisja, kif ukoll kienu jservu bħala infermerija għall-morda u l-foqra. Meta l-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza żar Ġerusalemm fis-sena 570, hu jikteb li f'Santa Marija l-Ġdida kien hemm numru kbir ta' rħieb, kif ukoll ospizji għall-irġiel u nisa b'aktar minn tlitt elef sodda għall-morda.

Fl-1976 Avigad, waqt skavi taħt is-swar tal-Belt l-antika ta' Ġerusalemm, sab ukoll kumpless ta' mini taħt l-art li kienu x'aktarx swali sotterranji bil-volta fuqhom. Dawn, fil-fatt, kienu diġà nstabu minn Charles Warren tal-Palestine Exploration Fund fl-1867-1870, u jidhru li kienu jagħmlu parti minn kumpless ta' bini li kien parti mill-binja ta' *Nea Theotókos*, u li kien jifforma ambjenti fl-istess pedamenti tal-Knisja. Dawn il-mini, iżda, imbagħad bdew jintużaw bħala ġwiebi kbar tal-ilma tax-xita.

Waqt preżentazzjoni li Avigad kien ta f'taħdita pubblika fl-okkażjoni tas-Seventh World Congress of Jewish Studies, hu sostna li f'dawn il-mini taħt in-*Nea Theotókos* hu kien sab iskrizzjoni bil-Grieg li fiha hemm imnaqqax l-isem ta' Ġustinjanu. Għalkemm din l-iskrizzjoni ġiet datata għal perjodu wara l-qerda tal-Knisja, hi prova li tgħidilna li l-binja oriġinali kienet saret fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu I, u hi prova li dik il-binja kienet proprju l-Knisja ta' *Nea Theotókos*.

Għandna prova tal-awtentiċità tal-iskavi arkeoloġiċi li saru fis-sit ta' din il-Knisja fil-kitba li ħallielna l-istoriku Procopios: "[Ġerusalemm] hi mibnija prinċipalment fuq għoljiet. L-Imperatur Ġustinjanu kien ta ordnijiet li [n-*Nea*] kellha tinbena fuq l-aktar parti għolja, u speċifika kemm din il-binja kellha tkun twila u wiesgħa, kif ukoll dettalji oħrajn. Imma xorta waħda ma setgħux itemmu din il-binja fuq il-proġett li kien fassal l-Imperatur. Għax billi kwart mill-Knisja li kien iħares lejn in-nofsinhar u lejn il-lvant kien maqtugħ fl-arja, il-bennejja waslu għal din il-konklużjoni. Huma bnew pedamenti barra [mill-parti li fiha l-għolja kienet taqa' 'l isfel] u mbagħad bnew struttura li kienet togħla sal-livell tal-blat [li hemm fil-quċċata tal-għolja]. U

meta waslu f'dan il-livell huma bnew volti biex isaħħu l-ħitan ta' fuqhom, u hekk għaqqdu din il-binja ta' taħt mal-pedamenti l-oħra tal-Knisja. Hekk il-Knisja hi mibnija parti fuq il-blat samm u parti oħra hi mwieżna fl-arja minn din iż-żjieda artifiċjali tal-għolja bil-qawwa tar-rieda tal-Imperatur."

Procopios ikompli jikteb dwar id-diffikultajiet enormi li sabu l-bennejja u l-arkitetti, biex iġorru tunnellati ta' ġebel minn distanzi kbar lejn is-sit li fuqu kellha tinbena l-Knisja. Jgħidilna li biex isaqqfu l-Knisja, li kellha korsija wiesgħa ħafna, kellhom ifittxu biex isibu injam tajjeb minn boskijiet barra l-Art Imqaddsa u jġorru tronki kbar ta' siġar biex minnhom jaħdmu t-travi twal u qawwija li kellhom saħħa biżżejjed biex iwieżnu s-saqaf. Il-kolonni kbar tal-Knisja wkoll kellhom jinħadmu u jinġiebu minn reġjuni fil-bogħod, billi l-ebda barriera qrib Ġerusalemm ma fiha ġebel iebes biżżejjed biex ikun jista' jinħadem f'kolonni li jkunu jifilħu binja ta' dawk id-dimensjonijiet. Meta mbagħad il-Knisja ta' *Nea Theotókos* sfat meqruda, ħafna minn dawn il-kolonni u tiżjin ieħor ittieħdu mill-ħakkiema Musulmani ta' Ġerusalemm biex intużaw fil-bini tal-Moskea ta' Al-Aqsa u tal-Koppla tal-Blata, hekk li n-*Nea Theotókos* saret barriera li minnha ittieħed kważi kollox u spiċċat minsija u moħbija għal mijiet ta' snin. F'Ġerusalemm instabu diversi ġebliet imxerrdin fil-bini li fihom imnaqqxin slaleb Biżantini u s-simboli tal-*Alpha* u l-*Omega*, li kollha jindikaw li dawn setgħu kienu ġebel li kien parti mill-iskultura li kienet iżżejjen din il-Knisja monumentali.

L-arkeologu Israeljan Oren Gutfeld ikkonkluda, mill-iskavi li kien għamel Avigad, li Ġustinjanu kien estenda l-*Cardo Maximus* lejn in-nofsinhar biex din it-triq prinċipali tal-belt tasal ukoll sal-Knisja ta' *Nea Theotókos*, u tkun triq li fiha setgħu jsiru purċissjonijiet solenni mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu sa din il-Knisja, kif ukoll sal-Knisja tal-Appostli, li l-arkeoloġi jemmnu li kienet teżisti fuq is-Sijon Kristjan, fil-kumpless tal-Knisja tal-*Hagia Sion*, u li antikament kienet timmarka ċentru ta' komunità Lhudija-Kristjana.

Jidher ukoll li Ġustinjanu kellu l-iskop li jippreżenta n-*Nea Theotókos* bħala rappreżentazzjoni ġdida u simbolika tat-Tempju tal-



*Fdalijiet tan-Nea barra l-ħitan ta' Ġerusalemm*

Lhud li kien bena Salamun, u li kien ġie meqrud mir-Rumani fis-sena 70 w.K. Filwaqt li l-ispjanata tat-Tempju tħalliet ħerba u abbandunata mill-Biżantini, Ġustinjanu ikkonċentra l-attenzjoni fuq l-għolja tal-punent li hemm faċċata tal-Ħajt tal-Punent tat-Tempju, u li tinkludi l-Għolja ta' Sijon, bil-Knisja ta' *Hagia Sion*, biex hekk jinsisti li l-veru Tempju issa kien dak iddedikat lill-Verġni Marija, li tidher bħala t-Tempju ta' Alla, ikkonsagrat biex jilqa' fih l-Arka tal-Patt il-ġdid. Dan is-simboliżmu kien ċertament qawwi, meta nifhmu l-importanza li l-Knejjes Orjentali jagħtu lill-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju.

Hi ħasra li fadal biss ftit tifkiriet fil-ġebel ta' din il-Knisja imponenti li kienet tiddomina fil-binja urbana tal-Belt ta' Ġerusalemm fl-era Biżantina. Il-fdalijiet li kixfu l-arkeoloġi mhumiex miftuħin għall-pubbliku, billi jinsabu taħt binjiet aktar reċenti fil-Kwartier Lhudi ta' Ġerusalemm l-antika. Illum il-ġurnata l-fdalijiet ta' *Nea Theotókos* huma maqtugħin mis-swar Ottomani u t-terrapien ta' żmien il-Kruċjati, u huma parzjalment mgħottija mill-parkeġġ tal-karozzi tar-residenti tal-Kwartier Lhudi. Il-kantuniera tal-Knisja li tinsab barra mis-swar issa wieħed jista' jaraha fil-qalba ta' ġnien arkeoloġiku li jifforma l-hekk imsejħa "strixxa ħadra" li ddawwar is-swar ta' Ġerusalemm l-antika. Din il-parti tal-ġnien, li tinsab bejn il-Bieb ta' Sijon u l-Bieb tad-Demel, imsejħa *Beth Shalom Garden*, kienet saret mill-Christian International Organisation *Beth Shalom* ta' Zurich, li kienet sponsorjat dan il-proġett bħala protesta pożittiva kontra d-deċiżjoni li l-UNESCO kienet ħadet fl-1974 dwar li ma kellhomx isiru skavi minn arkeoloġi Israeljani f'Ġerusalemm. Nittamaw li dawn il-fdalijiet prezzjużi li għadhom imħarsin taħt il-Kwartier Lhudi ta' Ġerusalemm, fiż-żona taħt il-parkeġġ qrib Habad Street u l-bini li hemm sat-tarf tas-swar Ottomani, xi darba jkunu

*Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju*



jistgħu jitgawdew mill-viżitaturi li huma interessati f'waħda mill-isbaħ knejjes tal-era Biżantina f'Ġerusalemm.

## Ir-rakkont apokrifu tal-Protovanġelu ta' Ġakbu dwar il-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju

Il-Knisja ta' *Nea Theotókos* hi importanti għalina bħala Insara u pellegrini fl-Art Imqaddsa, għax hi marbuta ma' ġrajja ħelwa fil-ħajja tal-Verġni Marija, li hi ċċelebrata b'għożża partikulari mill-Knejjes Ortodossi, u li aħna l-Kattoliċi wkoll infakkruha fil-festa tal-Preżentazzjoni fit-Tempju tal-Verġni Marija nhar il-21 ta' Novembru, festa li, kif rajna, hi marbuta direttament mad-data tal-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' *Nea Theotókos* fis-sena 543. Il-ġrajja naqrawha fil-kitba apokrifa msejħa *Protovanġelu ta' Ġakbu*, kitba li twieldet fi ħdan il-komunità Lhudija-Kristjana ta' Ġerusalemm, u li ġiet attribwita lil Ġakbu, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, li t-tradizzjoni tħalltu mal-appostlu Ġakbu "iż-Żgħir", jew Ġakbu "bin Alfew", jew Ġakbu "ħu l-Mulej". Xi kultant hu magħruf ukoll bl-isem "Ġakbu l-Ġust," meqjus bħala l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm li miet martri fis-sena 62 imwaddab mill-pinnaklu tat-Tempju għal isfel.

Il-*Protovanġelu ta' Ġakbu* nkiteb bil-Grieg madwar is-snin 140-170, u għandu l-iskop li jelabora r-rakkonti tat-tfulija ta' Ġesù li nsibu fl-Evanġelji kanoniċi ta' Mattew 1-2 u Luqa 1-2. Fih niltaqgħu mal-ismijiet tal-ġenituri ta' Marija, Ġwakkin u Anna, u mar-rakkont tat-twelid tal-Verġni Marija. Fil-fatt nistgħu ngħidu li xi festi li niċċelebraw fil-kalendarju liturġiku jsibu l-bażi storika tagħhom proprju f'din il-kitba apokrifa. Dawn jinkludu t-Twelid ta' Marija (8 ta' Settembru), il-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju (21 ta' Novmebru), l-Annunċjazzjoni fit-tradizzjoni tal-Knejjes Orjentali (25 ta' Marzu) u l-Għerusija ta' Marija ma' San Ġużepp (23 ta' Jannar).

Il-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju hi antikissima fil-liturġija tal-Knejjes Orjentali. L-Imperatur ta' Biżanzju Mikiel Comnenos isemmieha fl-1166. Meta fl-1372 il-Papa Girgor XI bagħat lil Philippe de Maizières, nobbli Franċiż bħala ambaxxatur tiegħu f'Ċipru, dan irrakkontalu kemm il-Griegi kienu jiċċelebraw b'solennità din il-festa Marjana. Girgor IX daħħal din il-festa fil-kalendarju tal-kurja papali f'Avignon. Il-Papa Sistu V fl-1585 introduċa din il-festa fil-liturġija Rumana, u Klement VIII sawwar uffiċċju proprju għal din il-festa li ġiet mifruxa mal-Kristjanità. Il-kalendarju liturġiku attwali, tas-sena 1969, żamm din it-Tifkira liturġika minħabba s-sens profond teoloġiku li juri lil Marija bħala t-Tempju tal-Patt il-ġdid.

Ir-rakkont tal-Preżentazzjoni tal-Verġni Marija fit-Tempju nsibuh fil-kapitlu 7 tal-*Protovanġelu ta' Ġakbu*: "Meta t-tifla [Marija] kellha sentejn, Ġwakkin qal lil Anna: «Biex inżommu l-wegħda li għamilna, ejjew neħduha fit-tempju tal-Mulej, sabiex is-Sid ma jkunx kontrina u hekk ma jilqax l-offerta tagħna.» Anna wieġbet: «Ejjew nistennew sa ma jkollha tliet snin, sa ma t-tifla ma tibqax tfittex iżjed lil missierha u lil ommha.» Ġwakkin wieġeb: «Nistennew.» Meta t-tifla għalqet tliet snin, Ġwakkin qal: «Sejħu lil ulied il-Lhud li huma bla tebgħa: kull waħda minnhom tieħu fjakkola taqbad u żżommha mixgħula sakemm it-tifla ma terġax lura u qalbha ma tingibidx lejn il-ħwejjeġ li huma barra mit-tempju tal-Mulej.» Dawk hekk għamlu sa ma telgħu fit-tempju tal-Mulej. Il-qassis laqagħha, u wara li biesha, berikha u qal dan il-kliem ta' stagħġib: «Il-Mulej sebbaħ lil ismek fil-ġenerazzjonijiet kollha. Fl-aħħar jum il-Mulej għad juri il-fidwa tiegħu fik lil ulied Israel.» Imbagħad qegħedha bilqiegħda fuq it-tielet tarġa tal-altar, u l-Mulej Alla

libbisha bil-grazzja tiegħu; u hi bdiet tiżfen fuq riġlejha u d-dar kollha ta' Israel bdiet tħobbha. Il-ġenituri tagħha baqgħu mistagħġbin u bdew ifaħħru lil Alla Sid ta' kollox għax it-tifla ma urietx li trid terġa' lura. Marija kienet imrobbija fit-tempju tal-Mulej bħal ħamiema safja, u kienet tirċievi l-ikel minn idejn l-anġlu."

Is-simboliżmu hu evidenti f'dan ir-rakkont, li jpinġi lil Marija bħala dik li ġiet ikkonsagrata biex tkun Tempju li jilqa' fih il-glorja ta' Alla ta' Israel fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Dan is-simboliżmu hu evidenti fil-festa Orjentali tal-Preżentazzjoni tat-*Theotókos*. Il-κοντάκιον (kontákion), jew poeżija liturġika forma ta' innu f'din il-festa jinseġ dan it-tifħir: "It-Tempju l-aktar safi tas-Salvatur / Il-kamra prezzjuża u Verġni tiegħu / It-teżor prezzjuż tal-glorja ta' Alla / illum hi ppreżentata fid-dar tal-Mulej. / Hi ġġib magħha l-grazzja tal-Ispirtu. / Għaldaqstant l-anġli ta' Alla jfaħħruha: / Tassew din il-mara hi l-għamara tal-ġenna."

## Riferenzi

Meir Ben-Dov, *Found After 1400 Years – The Magnificent Nea*, in *Biblical Archaeological Review*, December 1977.

Oren Gutfeld, *The Emperor's New Church on Main Street, Jerusalem*, in *Biblical Archaeological Review* Vol. 39, No. 6 (Nov-Dec 2013).



# L-ITTRA TA' SAN ĠAKBU (2)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu"*
*(Ġakbu 5:14-15)*

## Struttura u Kontenut tal-Ittra ta' Ġakbu



Għal L. Thuren (1995), id-diviżjoni tal-ittra hija din: exordium (1:1-18); temi tal-perseveranza u perfezzjoni (1:2-4,12-18), l-għerf u l-flus (1:5-11); propositio (1:19-27), kliem u azzjoni (1:19a-21a), il-kelma u l-azzjoni (1:21b-25), il-kliem u l-flus (1:26-27); argumentatio (2:1-5:6), azzjoni u flus (2:1-26), kliem u għerf (3:1-4:12), kliem u azzjoni (4:13-5:6); peroratio (5:7-20), recapitulatio (5:7-11) u conquestio (5:12-20). R. Kruger jara struttura konċentrika biċ-ċentru jkun 2:1-26 dwar il-fidi u l-opri, f'1:2-8 bħala introduzzjoni u 5:7-20 bħala konklużjoni. J.E. Cellerier jitkellem minn 3 partijiet: 1:1-2:26; 3:1-5:11 u 5:12-20. J.B. Mayor jaqsam l-ittra f'9 sezzjonijiet: 1:1-18, 19-27; 2:1-13, 14-26; 3:1-12, 13-18; 4:1-17; 5:1-11 u 12-20. H. von Soden jaqsamha f'1:1; 2-18, 19-27; 2:1-26; 3:1-17; u 4:1-5:20. Waqt li J.H. Ropes jara dawn it-taqsimiet: 1:2-2:26; 3:1-18 u 4:1-5:20. J.B. Reicke għandu 5 diviżjonijiet: 1:2-18; 2:1-26; 3:1-8; 4:1-5:6 u 5:7-20. Permezz tal-analiżi retorika W. Wuellner fl-1978 jara: introduzzjoni f'1:1-12 magħmula minn preskritt epistulari (1:1), exordium (1:2-4), narratio (1:5-11) u propositio (1:12). Hemm l-argumentatio (1:13-5:6) li Wuellner jaqsmu f'7 sezzjonijiet: 1:13-27; 2:1-13, 14-26; 3:1-12, 13-18; 4:1-12; u 4:13-5:6. Hemm il-peroratio f'5:7-20.

D.H. Edgar (2001) għandu din l-istruttura: 1:2-18 (exordium); 1:19-27 (prothesis, il-fatti); 1:19-3:18 u 4:1-5:20. B. Witherington (2007) jara l-exordium f'1:2-18; 1:19-27 bħala propositio; 2:1-26; 3:1-18 u 4:1-5:6; 5:7-20 bħala peroratio. F.O. Francis jipproponi erba' partijiet: 1:2-27 (il-ferħ); 2:1-26 (il-fidi u l-parzjalita'); 3:1-5:6 (l-imħabba tal-kelma); 5:7-20 (eżortazzjoni tal-aħħar). F. Vouga jipproponi: 1:2-18 (tissaporti l-provi); 1:19b-3:18 (tirrealizza l-kelma u tirreżisti l-qawwiet); 4:1-5:20 (tagħti xhieda tal-providenza t'Alla quddiem il-qawwiet).

Fl-istruttura konċentrika: 2:1-13 huwa ċ-ċentru, fejn 1:2-3 huma paralleli għal 5:7-10; 1:5-11 huma paralleli għal 4:11-5:6; u 1:1-26 ma' 3:1-12. Skont J. Reese (1982) hemm struttura kjastika fejn iċ-ċentru hija l-perikopa 3:1-18, bil-perikopi 2:1-26 u 4:1-5:6 jikkorrespondu għal xulxin u 1:2-27 u 5:7-70 jikkorrespondu għal

xulxin. R. Crotty (1992) għandu struttura kjastika differenti fejn huwa jżomm il-perikopa 4:1-3 bħala iċ-ċentru, bi 1:16-18 u 5:19-20; 1:19-27 u 5:12-18; 2:1-26 u 4:11-5:11; u 3:1-18 u 4:4-10 jikkorrespondu għal xulxin.

F'1:9-27 naraw li wieħed għandu dejjem ipoġġi fil-prattika dak li tgħallem il-kelma. Hemm eżortazzjonijiet u li wieħed għandu jrażżan l-ilsien (1:26-27). F'2:1-13 naraw is-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni li kien hemm fil-laqgħat tat-talb bejn l-għonja u fl-foqra. Il-libertà u l-ħelsien huma don ta' Alla. Il-ħelsien jidher fis-solidarjetà mingħajr interessi. F'2:14-26 għandna t-tema tal-fidi u l-opri. L-opri huma sinjal tal-fidi vera. Il-fidi trid twassal biex wieħed jagħmel ir-rieda ta' Alla fl-opri bħalma għamlu Abraħam u Raħab. F'3:1-12 naraw il-problemi tal-għalliema li ħolqu problemi fil-komunità. Naraw il-paragun tal-ilġiem li jservi biex imexxi ż-żwiemel, it-tmun li bih immexxu d-dgħajjes u n-nar li jista' jqabbad bosk sħiħ u l-ħsara li jista' jagħmel l-ilsien. F'3:13-18 naraw l-kritika li nqalgħet ghal dawk li jagħmlu lilhom infushom għalliema u l-wegħda eskatoloġika tal-frott tal-ġustizzja li ġġib il-paċi. F'4:1-12 naraw l-egoiżmu li jġib l-kunflitti fil-komunità u naraw l-eżortazzjoni



biex ma naqilgħux kalunji u lanqas niġġudikaw lil ħuna, żewġ vizzji li jtellfu l-ħajja komunitarja. F'4:13-5:6, Ġakbu jwissi kontra l-għonja u li hemm il-ġudizzju għalihom. Fl-epilogu 5:7-20, Ġakbu jħeġġeġ sabiex ngħixu skont il-fidi fil-miġja tal-Mulej. Wieħed għandu jippersevera fuq l-eżempju ta' Ġob u r-rakkomandazzjoni għat-talb u għal min hu marid.

Nistgħu ngħidu li din l-ittra ta' Ġakbu hija 'il-ktieb tal-Proverbji' u l-ktieb tal-profeta Amos' tal-Ġdid Testment. Issemmi l-karattri tal-Antik Testment: Abraħam f'2:21; Iżakk f'2:21; Raħab f'2:25; Ġob f'5:11 u Elija f'5:17, u għalhekk b'rabta ma' dawn il-persunaġġi tissemma l-muntanja Morija fejn Abraħam kien se joffri lil ibnu bħala sagrifiċċju, Ġeriko fejn kienet tgħix il-prostituta Raħab u l-Karmelu, il-muntanja tal-profeta Elija. Jissemma l-mewġ tal-baħar f'1:6; il-ħaxix u l-fjuri f'1:10-11; in-nar f'3:5; l-ilma f'3:11; it-tin u ż-żebbuġ f'3:12; iż-żriegħ u l-ħsad f'3:18; ix-xita f'5:7 u n-nixfa f'5:17: "Elija bniedem bħalna kien: meta talab bil-ħerqa biex ma tagħmilx ix-xita, għal tliet snin u sitt xhur sħaħ ix-xita ma għamlitx fuq l-art."

L-ittra għandha rabta mal-Kodiċi tal-Qdusija fil-kapitlu 19 tal-Levitiku; Ġk 2:1 ma' Lev 19:15; 2:8 ma' Lev 19:18; 2:9 ma' Lev 19:15; 4:11 ma' Lev 19:16; 5:4 ma' Lev 19:13; 5:9 ma' Lev 19:18; 5:12 ma' Lev 19:12; 5:20 ma' Lev 19:17. Fuq kollox l-ittra għandha rabta mal-għerf tal-ktieb ta' Bin Sirak u l-ktieb tal-Għerf: 1:2 ma' Sir 2:1-5; 1:13 ma' Sir 15:11-12; 1:19 ma' Sir 5:11; 2:6 ma' Sir 13:19 u Għerf 2:10; 2:13 ma' Għerf 6:6; 4:13-16 ma' Għerf 5:8-14; 5:3 ma' Sir 29:10; 5:6 ma' Għerf 2:12-20; u 5:14 ma' Sir 38:9. Ġakbu 5:5 ('en hemera sphages') tirreferi għal Ġeremija 12:3. Hemm xebh ukoll bejn Ġakbu 2:11 ma' Dewt 5:17-18 u Eżodu 20:13-15; Ġakbu 2:23 ma' Ġenesi 15:6 u Ġakbu 4:6 ma' Proverbji 3:34. L-ittra fiha 90 riferenza għall-ktieb ta' Isaija (l-iktar; ara Ġakbu 1:11 "titla' x-xemx tisreġ u bis-sħana tnixxef il-ħaxix, u l-fjur tiegħu jaqa' u s-sbuħija ta' surtu tgħib; hekk ukoll jiġrilu l-għani f'kulma jmidd għonqu għalih" u Isaija 40:7 fejn għandna l-istess kliem 'hos anthos chortou'. Ġakbu 5:6 għandha xebh ma' Ben Sira 34:22 u Ġenesi 4:10. L-ittra wkoll għandha x-xebh ma' 1 Pietru kif naraw: Ġakbu 1:1 ma' 1 Pt 1:1; Ġk 1:18 ma' 1 Pt 1:3; Ġk 1:2 ma' 1 Pt 1:6; Ġk 1:25 ma' 1 Pt 1:12; Ġk 1:18 ma' 1 Pt 1:23; Ġk 4:1 ma' 1 Pt 2:11; Ġk 3:13 ma' 1 Pt 2:12; Ġk 4:6-7 ma' 1 Pt 5:5-6; u Ġk 5:20 ma' 1 Pt 4:8.



Fl-Ittra ta' Ġakbu nsibu seba' temi prinċipali: il-paċenzja (1:2-4,12-18; 5:7-12), l-għerf (1:5-8; 3:13-18); is-sinjuri u l-foqra (1:9-11; 2:1-13; 5:1-6); l-ilsien (1:19,26; 3:1-12); it-talb (1:6-8; 4:1-10), il-mard u d-dnub (5:13-20); u l-fidi u l-opri (1:22-27; 2:14-26).

## Bibliografija

Alana, O.E., "A word with the rich (James 5:1-6) Part II", in *Verbum et Ecclesia* 24 (2003) 292-305.

Allison, D.C., "James

through the centuries", in *American Theological Inquiry. A Biannual Journal of Theology, Culture and History* 7 (2014) 11-16.

Allison, D.C., *A Critical and Exegetical Commentary on the Epistle of James*, New York 2013.

Baker, W.R., "Christology in the Epistle of James", in *EvQ* 74 (2002) 47-58.

Batten, A.J., *What they are saying about the Letter of James?,* New York 2009.

Burchard, C., *Der Jakobusbrief*, HNT 15, Tubingen 2000.

Davids, P.H., "The Catholic Epistles as a canonical Janus: A New Testament glimpse into Old and New Testament Canon Formation", in *Bulletin for Biblical Research* 19 (2009) 403-416.

Edgar, D.H., "Has not God chosen the poor? The social setting of the Epistle of James", in *Journal for the New Testament Supplement Series* 206, Sheffield 2001.

Fabris, R., *Lettera di Giacomo: Introduzione, versione, commento*, Bologna 2004.

Hartin, P.J., *James, First Peter, Jude, Second Peter, New Collegeville Bible Commentary*, NT 10, The Liturgical Press 2006.

Hartin, P.J., "The Letter of James: Faith leads to action (the indicative leads to the imperative)", in *Word and World* 35 (2015) 222-230.

Holloway, G., "James as New Testament Wisdom Literature", in *Leaven* 8 (2000).

Johnson, L.T., *Brother of Jesus, Friend of God: Studies in the Letter of James*, Grand Rapids (MI) 2004.

Jovanovic, M., "Franz Mussner's interpretation of the Epistle of James and its impact on Jewish-Christian Dialogue", in *Unity and Dialogue* 75 (2020) 119-139.

Juguilon, A., "Orthodoxy, Orthopraxis, and orthokardia: a reflection on the Letter of James", in *Obsculta* 8 (2015) 83-93.

Kamell, M.J., "The implications of grace for the ethics of James", in *Biblica* 92 (2011) 274-287.

Kirk, J.A., "The meaning of Wisdom in James: Examination of a hypothesis", in *NTS* 16 (1969) 24.

Kloppenberg Verbin, J.S., "Patronage avoidance in James", in *HTS* 55 (1999) 755-785.

Laws, S., *The Epistle of James*, London 1980.

Lemaire, A., "Burial box of James the Brother of Jesus. Earliest Archaeological evidence of Jesus found in Jerusalem", in *Biblical Archaeology Review* 28 (2002) 24-70.

Lenski, R.C.H., *The Interpretation of the Epistle to the Hebrews and the Epistle of James*, Minneapolis 1966.

Llewelyn, S.R., "The Prescipt of James", in *NovT* 39 (1997) 385-393.

Lockyer, H., *All the Apostles of the Bible*, London 1972.

Lodge, J.G., "James and Paul at Cross-Purposes? James 2:22", in *Bib* 62 (1981) 195-213.

Macarthur, J.F., "Faith according to the Apostle James", in *JETS* 33 (1990) 13-34.

Mayor, J.B., *The Epistle of St. James. The Greek Text with Introduction Notes and Comments*, London 1910.

McLaren, J.S., "Ananus, James, and Earliest Christianity. Josephus' account of the death of James", in *JTS* 52 (2001) 1-25.

Meynet, R., *Trattato di Retorica Biblica*, Retorica Biblica 10, Bologna 2008.

Mitton, C.L., *James*, Grand Rapids (MI) 1966.

Moo, D.J., *The Letter of James*,  Pillar New Testment Commentary, Grand Rapids (MI) 2000.

Mussner, F., *La lettera di Giacomo*, Brescia 1970.

Myllykoski, M., "James the Just in History and Tradition: perspectives of past and present scholarship (Part II)", in *Currents in Biblical Research* 6 (2007) 11-98.

Pavelcik, J., “Isaianic Variations in the Letter of James”, in *Theologica* 9 (2019) 117-133.

Popkes, W., *Der Brief des Jakobus*, Leipzig 2001.

Van der Merwe, D.G., “The impact of the economic system on social and labour relations in the early church as revealed in the Letter of James”, in *Verbum et Ecclesia* 33 (2012) 1-12.

Weaver, J.A., “The Heart of the Law: Love your neighbour (Jas 2:8-13)”, in *Review & Expositor* 108 (2011) 445-446.

Witherington, B., *Letters and Homilies for Jewish Christians: A socio-rhetorical commentary on Hebrews, James, and Jude,* Downers Grove (IL) 2007.



# IL-PROFETA EŻEKJEL L-GĦAQDA BEJN ISRAEL U L-ĠUDEA

*Mons Lawrenz Sciberras*



Din it-tħabbira daqskemm xewqa mqanqla tal-għaqda bejn Israel u l-Ġudea li jitkellem dwarha il-profeta Eżekjel qiegħda dritt wara d-dehra tal-għaġeb li kellu l-profeta dwar l-għadam niexef (Eżk 37,1-14). Dejjem bil-qawwa tal-Ispirtu dan l-għadam li kien qed jippreżenta lil-Lhud tal-Ġudea fl-eżilju tal-Babilonja jieħu l-ħajja u jqum.

Issa Eżekjel ibassar xi ħaġa oħra qawwija u tant mixtieqa. Din hija l-għaqda mill-ġdid taż-żewġ saltniet; dik ta' Fuq mela Israel bil-belt kapitali issa Samarija, u s-saltna ta' Isfel, mela l-Ġudea bil-belt kapitali Ġerusalemm. In-nies ta' Israel kienu jmorru jqimu

u joffru sagrifiċċji ’l Alla fit-tempji ta’ Dan u Betel, fil-waqt li dawk tal-Ġudea baqgħu jmorru fit-tempju ta’ Ġerusalemm, tempju mibni mis-sultan Salamun.

## Il-qsim tas-saltna

Wara li miet Salamun, laħaq floku ibnu Reħobogħam (1Slat, 11,43). Iżda s-sultan il-ġdid xejn ma kien għaqli, kellu tassew moħħ ta’ tifel. Tant hu veru dan, li dan Reħobogħam meta ġie biex jiddeċiedi fuq ħaġa ta’ importanza enormi għal pajjiżu, jiġifieri dwar il-ġbir tat-taxxi, Reħobogħam ta widen biss minn dak li fesfsulu f’widnejh iż-żgħażagħ ta’ madwaru (1 Slat 12,10).

U Rehobogħam weġibhom hekk lill-ġemgħa kollha ta’ Israel li marru jitolbuh biex iħaffilhom it-taxxi li bihom kien taqqalhom missieru Salamun. “Missieri taqqlilkom il-madmad, u jien se nżid fuqu. Missieri sawwatkom bil-frosti, imma jiena nsawwatkom bl-iskorpjuni” (1 Slat 12,11). Preċiżament dan kien il-parir li tawh dawk ta’ moħħhom ħafif sew, li kien imdawwar bihom Reħobogħam.

U r-riżultat ta’ dan kien wieħed diżastruż tassew, wieħed ta’ ħsara rreparabbli. Inqasam u xpakka fi tnejn in-nazzjon ta’ Israel. U biex il-firda tkompli tkun ta’ diżastru l-qasma saret b’mod li taħsdek: Għaxar trubujiet kontra tnejn. U bħala kap u mexxej ġdid tagħhom dawn l-għaxar tribujiet għażlu li Ġerobogħam, fil-waqt li għamlu lil Samarija l-belt kapitali tagħhom. Hekk dawn in-nies infirdu firda tassew kbira b’konsegwenzi enormi tassew: kemm materjali kif ukoll spiritwali.

Dan kien għadu mhux biżżejjed, għaliex dan Ġerobogħam biex iwaqqaf in-nies tiegħu milli jibqgħu imorru t-tempju ta’ Ġerusalemm biex hemm jaduraw lil Alla u joffrulu id-debħiet tagħhom kif dejjem kienu għamlu, Ġerobogħam bnielhom żewġ imqades oħra; wieħed fil-parti ta’ fuq nett mela Dan u l-ieħor mal-konfini, mela Betel. Dawn in-nies għalhekk baqgħu għal snin twal miġġildin ma’ xulxin, ma jitkellmux u ma jinħamlux bejniethom.

### It-tnejn fl-eżilju

Seħħew ġrajjiet oħra li komplew għenu u kabbru biex il-firda tkompli aktar titwessa u tissaħħaħ. Dawn il-ġrajjiet huma ż-żewġ ezilji; wieħed li sar fl-Assirja u l-ieħor fil-Babilonja. Imma minkejja li d-deportati kienu t-tnejn Lħud, nibtu u nħolqu ċirkustanzi li aktar begħduhom minn xulxin, il-mibegħda ta’ bejniethom.

Kien il-qawwi Tiglat Pileser I li madwar is-sena 722 rebaħ lil Israel u kaxkar in-nies fost tbatijiet l-aktar ħorox u ta’ demm lejn l-Assirja. “Għalhekk il-Mulej inkorla sewwa għal Israel, u warrabhom minn quddiem wiċċu” (2 Slat 17,18). Din is-sitwazzjoni makabra kompliet tiggrava meta “s-sultan ta’ l-Assirja ġieb nies minn Babilonja, minn Kut, minn Għawwa minn Ħamat u minn Sefarwajjim, u qegħidhom fl-ibliet tas-Samarija minflok ulied Israel; u għamlu lis-Samarija b’tagħhom u bdew jgħammru fi bliethа” (2 Slat 17,14). Hawnhekk issa sar ukoll żwieġ imħallat, tant li r-razza pura tas-Samaritani intilfet kważi għal kollox.

Niġu issa għal Ġudea, għal Ġerusalemm u xejn anqas għat-tempju. Dawn in-nies ta’ Ġerusalemm kellhom fiduċja għamja għal kollox li minħabba l-maqdes fejn Alla kien qed jgħammar fosthom fis-sħaba li niżlet nhar jum il-konsagrazzjoni (1 Slat 8,10), ħasbu bis-sħiħ kollu, li ħadd u xejn ma seta’ għalihom! Ġeremija kien qawwi ħafna fi kliemu meta qalilhom sew: “Isserħux raskom bi kliem qarrieq u tgħidu:” hawn hu t-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej” (Ġer 7,4).

U d-daqqa qerrieda tal-eżilju lin-nies tal-Ġudea waslet ukoll. Kienet is-sena 586 meta Nabukodonosor sultan tal-Babilomja, tela’ għal Ġerusalemm u wara li ġarraf, ħarbat u kisser it-tempju u seraq dak kollu li kien tant prezzjuż kaxkar in-nies lejn il-jasar tal-

Babilonja. Huwa kkalkulat li ittieħdu bejn 35.000 u 50.000 eżiljat marbutin, imkaxkrin u msawtin.

Wieħed mis-salmi li qaxxar sew s-sitwazzjoni makabra u ta' dwejjaq li kienu għaddejin minnha dawn l-eżiljati – 'il bogħod minn arthom, ebda forma ta' sagrifiċċju, xejn ħarsien ta' jum is-Sibt – huwa s-salm 137: "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna" (Slm 137,10. Kien imbagħad is-sultan Ċiru tal-Persja li fis-sena 536 ħareġ l-editt biex kull min jixtieq li jirritorna lejn artu dan seta' jgħamlu bil libertà kollha.

## Ix-xewqa ta' Eżekjel

Dan huwa l-kuntest reali u storiku li ħadem u



ħabbar issa dwaru Eżekjel. Interessanti ħafna kif il-messaġġ mimli tama tal-profeta, se jipprova jwasslu bis-simboli ta' żewġ injamiet biex fuqhom inaqqax isem Ġuda, u isem Israel u d-dar kollha. Dejjem skont Eżekjel sa issa dawn iż-żewġ nazzjonijiet, it-tnejn li huma fl-eżilju se jerġgħu jingħaqdu flimkien. U dan isir taħt "il-qaddej tiegħi David ikun il-prinċep fuqhom għal dejjem" (Eżk 37,25).

Il-profeta jkompli joħroġ għad-dawl ix-xewqa qawwija ta' Alla salvatur ta' dan il-poplu. U għalhekk li Eżekjel jikteb diversi verbi kollha għandhom għan u skop wieħed, dak ta' mħabba u ħniena vera: "niġmagħhom". "nġibhom f'arthom", "insalvahom" , "insaffihom". Wara dawn l-erba' verbi tal-profeta dejjem hemm il-ħsieb ta' Alla feddej, salvatur u providenza. Anzi jkompli jissiġilla din ir-realtà hekk: "huma jkunu għalija l-poplu tiegħi, u Jiena nkun għalihom Alla tagħhom" (Eżk 37,23).

Ezekjel l-ewwel isemmi lis-sultan David bħala l-mexxej u r-ragħaj tal-poplu. Hawn titwettaq profezija li Natan għamel lir-ragħaj ta' Betlehem (2 Sam 7) fejn wiegħdu li l-familja tiegħu u s-saltna tiegħu jibqgħu sħaħ quddiemu għal dejjem. "It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem" (2 Sam 7,17).

Però l-profeta jkompli jinzel aktar fl-għeruq ta' l-istorja tas-salvazzjoni meta isemmi wkoll il-patrijarka Ġakobb. Hawn ta' min ifakkar li kien minn dan il-personaġġ li ħarġu t-tnax il-tribù li jiffurmaw u sawru poplu magħżul ta' Israel. Kien dan il-patrijarka li waqt il-ħin ta' mewtu sejjaħ it-tnax uliedu u berikhom b'barka u ħarsa għal ġejjieni (Ġen 49.50). "U jgħammar fl-art li jiena kont tajt lill-qaddej tiegħi Ġakobb, l-art li fiha għammru missirijiethom għal dejjem" (Eżk 37,25).

## Il-patt ta' veru

Wegħda oħra li Eżekjel qed ibassar meta dan il-poplu jerġa' jingħaqad u jirritorna għall-għeruq tiegħu huwa l-patt, *berit*. Fit-Testment il-Qadim insibu tal-anqas tliet pattijiet, fejn dejjem Alla jindaħal f'din il-missjoni. L-ewwel ma Noè fejn il-qaws wera sinjal tanġibbli li għamel Alla mal-poplu tiegħu u li qatt aktar dan Alla ma kien se jikkastiga b'dan l-mod. (Ġen 9,13). It-tieni patt ma' Abraham fejn Alla wkoll iwiegħed art, nisel u barka lill-familja ta' Abraham (Ġen 15,18). Anzi din il-wegħda tidher li fiha esaġerazzjoni, imma dan kien il-mod ta' kif jirraġunaw fejn tidħol il-barka u l-ħarsien ta' Alla. It-tielet patt isir ma' Mosè f'riġlejn il-muntnja Sinaj (Ez 24). Dan il-patt ġie ssiġġilat bid-demm tal-annimali, billi Mose l-ewwel raxx fuq l-artal mibni minn tnax 'il ġebla mhux minġurin, imbagħad fuq il-poplu miġbur. "Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skont dan il-kliem kollu" (Eż 24,8).

Issa l-profet Eżekjel biex jagħmel il-qalb lill-poplu magħżul, minkejja li jinsab maqsum u mifrud minn xulxin ifakkar fil-patt: "nagħmel magħkom patt ta' sliem, ikun patt magħkom għal dejjem; inwettaqhom u nkattarkom u nqiegħed fosthom għal dejjem is-santwarju tiegħi" (Eżk 37,26).

U l-aġent ta' dan kollu ma huwa ħadd jekk mhux Alla ħaj u veru, Alla tal-ħajjin. Quddiem dan il-kliem ta' profezija Ezekjel jasal biex jikkonkludi li l-għaqda bejn Israel u Ġuda issir tassew, għaliex l-aġent ta' dan kollu huwa Alla tagħhom stess.



# IL-BIBBJA: GĦAJN TA' TALB

*Marcello Ghirlando*



Il-Bibbja hija għajn ħajja ta' talb. Bħall-profeta Iżaija issejħilna: "Ejjew intom ilkoll li bikom il-għatx, ejjew għall-ilma" (Iż 55: 1). Aħna bil-għatx biex nitolbu, bil-għatx biex nisimgħu u niġu mismugħa minn Alla tagħna li huwa mħabba. Dan il-għatx naqtgħuh bl-Iskrittura. Jekk naqraw il-Bibbja kuljum insibu għajnuna kbira għall-ħajja ta' talb mibnija fis-sod, ħajja ta' talb mibnija fuq relazzjoni intima ma' Alla. Hija relazzjoni li tgħinna nidħlu xi ftit fil-misteru tal-kobor t'Alla. Kobor li jdawwalna u jurina dak li verament aħna: ċkejnin, midinbin u fi bżonn kbir tiegħU. Nistgħu b'hekk nagħmlu esperjenza tas-sliem, il-ferħ, il-barka u s-salvazzjoni li Alla joffrielna. Nikbru fil-għarfien ta' l-imħabba tremenda li biha Alla jħobbna, l-interess u l-kura tiegħU. Nitgħallmu nersqu lejn Alla bil-fiduċja u bl-imħabba.

Meta titlob bil-Bibbja uża siltiet familjari.  Mhux kull parti tal-Bibbja tqanqalna għat-talb. Il-listi tal-liġijiet, l-arbli tar-razza, ir-rakkonti tal-gwerer forsi ma tantx jgħinuna biex nidħlu f'relazzjoni ħajja ma' Alla. Anke jekk il-poplu Lhudi dejjem irrifletta fuq dawn is-siltiet diffiċli u ra fihom sinjal tal-provvidenza ta' Alla.  Huwa aktar faċli għalina ngħinu lilna nfusna għat-talb billi ninqdew b'siltiet mill-Bibbja li magħhom aħna aktar familjari. Per eżempju, ir-rakkonti tal-ħolqien li nsibu fil-Ktieb tal-Ġenesi (1:1 – 2:25) jistgħu jgħinuna nduqu l-qawwa kreattiva ta' Alla u nifhmu aħjar il-ġmiel kollu tal-ħolqien u r-rifless ta' Alla li jidher fil-ħlejjaq maħluqa minnu. Huma rakkonti li jfakkruna fil-kobor tal-bniedem, maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Jew, per eżempju, ir-rakkont sabiħ tas-sejħa ta' Abraham u tal-Patt li Alla jagħmel miegħu (Ġen 17:1-27) jista' jgħinna nikkontemplaw l-ħidma ta' Alla li jsejjaħ lil Abraham biex minnu joħloq poplu magħżul. Jekk Alla kellu dan il-pjan għal Abraham, min jaf xi pjan għandu għad-dinja, għal kull wieħed u waħda minna! Ir-rakkonti li jitkellmu minn Mosè quddiem is-siġra taqbad jew fuq il-Għolja tas-Sinaj (Eżodu 3:16-25) jistgħu jgħinuna niggustaw il-preżenza ta' Alla flimkien mal-qaddej tiegħu Mosè. Bħal Mosè, anke aħna nħossu li l-preżenza divina hija rifless tal-qawwa ta' Alla. U f'dan it-talb tagħna nduqu xi ftit it-togħma tal-ħajja u tal-qawwa divina.



Meta aħna naqraw l-Iskrittura kuljum u b'mod perseveranti, dan iwassalna biex inrawmu fina konvinzjoni profonda ta' l-imħabba eterna u fidila ta' Alla. Alla għandu kura tagħna u huwa preżenti fil-bżonnijiet kollha tagħna. Dan niftakru fih jekk inġibu quddiem għajnejna ir-rakkont tal-protezzjoni li Alla wera mal-poplu l-magħżul matul il-mixja twila tiegħu fid-deżert. Bħala tweġiba għat-talb ta' Mosè, Alla pprovda għajnuna, ikel u ilma.  Alla wera li kien fidil, minkejja l-inkostanza tal-poplu, u wasslu sa l-art imwiegħda. Meta aħna naqraw u nġibu quddiem għajnejna dan kollu mingħajr ma rridu nħossu li Alla jimxi magħna tassew bl-istess mod. Nemmnu li Alla jipprovdielna, minkejja n-nuqqas ta' fiduċja u l-inkostanza tagħna!

## Kliem it-talb tagħna

Il-Bibbja tista' tagħtina wkoll il-kliem għat-talb tagħna. Il-Ktieb tas-Salmi, mill-bidu ta' l-istorja tal-Knisja, sawwar il-ħajja tat-talb tagħha. Is-Salmi kienu fil-fatt it-talbiet tal-poplu Lhudi, talbiet li ħarġu mill-qalb tal-poplu matul l-istorja mqanqla tiegħu. Is-salmi kienu t-talbiet ta' Marija, Ġużeppi u ta' l-istess Mulej tagħna. Is-Salmi nistgħu nagħmluhom it-talbiet personali tagħna. Min ma jinqediex bis-Salm 23: "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni…" u ħafna minna ninqdew b'dan is-salm biex inġeddu r-rabta tagħna mal-Mulej, rabta ta' fiduċja u ħajja. Jew nistgħu nużaw is-Salm 139: "Mulej, inti tgħarbilni u tgħarrafni…taf il-ħsibijiet tiegħi…", salm li nistgħu nitolbuh biex neżaminaw il-kuxjenza tagħna.

Mill-għajn ta' l-Iskrittura nistgħu wkoll nisiltu talbiet qosra. Per eżempju, nistgħu nitolbu u ngħidu: "Mulej, iftaħli xofftejja u fommi jxandar it- tifħir tiegħek" (Salm 51:17), jew "Mulej Sid tagħna, kemm huwa kbir ismek fl-art kollha!" (Salm 8:2), jew "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej" (Salm 34:8). F'mumenti ta' dgħufija nistgħu nagħmlu tagħna t-talba ta' Bartimew (Mk 10:47), "Ġesù, Bin David, ikollok ħniena minni!" Aktar ma nsiru familjari mal-Bibbja, aktar ninqdew bl-istess Kelma ta' Alla fit-talb tagħna.

Il-Bibbja spiss tisfidana għax issejħilna għall-konverżjoni u l-indiema. Meta naqraw il-Profeti ta' l-Antik Testment jew id-Diskors ta' Ġesù fuq il-muntanja (Mt 5 – 7) fil-Ġdid Testment, il-Kelma t'Alla tqanqalna biex nitolbu l-qawwa ta' Alla biex inkunu nistgħu nibdlu ħajjitna għall-aħjar. Quddiem l-idea u l-bżonn tal-bidla, nagħmlu tagħna il-kelma tan-nies fil-Vanġelu ta' San Ġwann: "Dan il-kliem iebes; min jista' jilqgħu?" (6:20). U din ukoll issir talba, talba biex il-Mulej isaħħah il-fidi dgħajfa tagħna u jsalvana.

## Personaġġi bibliċi li jgħallmuna nitolbu

Jekk inqallbu l-paġni tal-Bibbja nsibu bosta personaġġi bibliċi li jgħallmuna nitolbu meta naqra l-impenn tagħhom għas-sejħa li għamlilhom Alla. Anke huma, bħalna, tħabtu biex jifhmu u jagħmlu r-rieda ta' Alla f'ħajjithom. Permezz tat-talb tagħhom huma tkellmu ma' Alla u semgħu s-sejħa tiegħu. Mosè mexxa l-poplu l-magħżul lejn il-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu u fl-erbgħin sena fid-deżert. Huwa tħabat biex igħin lill-poplu jifhem ir-rieda ta' Alla. Il-Ktieb tad-Dewteronomju jfakkarna fil-kliem li Mosè qal lill-poplu u fid-djalogu tiegħu ma' Alla. F'Dewteronomju 6:4-5 insibu t-talba tal-poplu, ix-'Sħema Israel': "Isma' O Israel, il-Mulej huwa Alla tagħna, il-Mulej huwa wieħed! Għalhekk għandek tħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u bis-saħħa tiegħek kollha". Ġob jiġi ppreżentat lilna bħala mudell ta' perseveranza, hu li għadda minn baħar ta' nkwiet u diffikultajiet. Minkejja li jitlef kollox, huwa jibqa' fidil lejn Alla. Quddiem il-kliem ta' ħbieb




li jiġu biex jikkunslawh, huwa jifhem li t-tbatija tiegħu ma tistax titfisser fil-kliem. Huwa jesprimi r-rabja tiegħu għal Alla; ħass li ġie abbandunat minn Alla. It-talba ta' disperazzjoni li huwa jagħmel twasslu biex jagħmel esperjenza vera tal-preżenza ta' Alla. David, l-ikbar sultan ta' Israel, kellu relazzjoni profonda ma' Alla li sejjaħlu u kkonsagrah sultan. Anke jekk sar personaġġ politiku qawwi, u mhux darba waqa' fid-dnub gravi, David qatt ma' naqas mill-impenn tiegħu li jibqa' maqgħud ma' Alla fit-talb. Is-Salm 51, dak li jissejjah 'Miserere', jingħad li huwa

frott l-indiema ta' David, wara li qatel lil Urija biex jeħodlu lil Batseba, martu. It-Tieni Ktieb ta' Samwel jippreżentalna diversi talbiet ta' David lil Alla (2 Sam 7:18-29; 22). Minn fost il-profeti nistgħu hawn nitkellmu minn Ġeremija. Jitqabad mas-sejħa tiegħu u jkellem lil Alla fuq il-beżgħat tiegħu. Jitlob u jokrob lil Alla: "Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien nsir id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija…u jien għidt: ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu. Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih"(Ġer 20:7.9). Meta nħossuna magħfusin mill-isfidi li għandna biex ngħixu bħala nsara f'din id-dinja tagħna, kemm nagħmlu sewwa jekk nitolbu u nagħmlu tagħna l-kliem tal-profeta Ġeremija (20:7-19)!

Jekk nifthu l-paġni tal-Ġdid Testment, inġibu quddiem għajnejna lill-appostlu Pawlu. Il-ħajja tat-talb ta' Pawlu kienet magħġuna ħaġa waħda mal-ministeru tiegħu. Huwa mudell ta' talb; iqanqal it-talb fl-oħrajn u dejjem joħloq opportunitajiet biex jitlob kontinwament. Jekk naqbdu l-ittri tiegħu nindunaw li huma kollha talbiet miktuba lil u għall-komunitajiet insara tal-bidu li lilhom kien wassal il-Vanġelu. Huwa ħeġġeġ dejjem għat-talb. Ħafna mit-talbiet tiegħu huma t-talbiet li l-Knisja tuża sal-ġurnata tal-lum (1 Tess 3:9-13; 1 Tim 2:1-6; Fil 2:3-11; 4:4-9; Rum 12:9-20).

Marija hija mudell ta' fiduċja mimlija kuraġġ f'Alla. Hija miftuħa għar-rieda ta' Alla li tilqa' b'radd il-ħajr: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi!...Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu, iva minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja…" (Lq 1:46-55). It-talba ta' Marija, misluta mit-talb tal-Bibbja (1 Sam 2, 1-10), issir it-talba tan-nisrani, għax f'Marija n-nisrani jara xempju tad-dixxiplu perfett u fit-talb tagħha, xempju tat-tifħir perfett li nistgħu nagħtu lil Alla.

## "Mulej, għallimna nitolbu"

Mill-Vanġeli l-Mulej igħallimna nitolbu kif għallem lid-dixxipli tiegħu. Il-Vanġeli kontinwament ifakkruna kemm hu stess kien ifittex il-postijiet kwieti u ż-żmien biex jitlob. Kien jitlob b'mod spontanju u minn qalbu, kien jitlob bit-talbiet ta' żmienu u tal-kultura tiegħu. Biżżejjed niftakru fil-Mulej mislub li jitlob bis-Salm 22: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni". Ġesù talab mill-qalb – bil-biki, għarrkupptejh, b'leħen għoli u bid-dmugħ, fil-ferħ u fin-niket, fit-tbatija, dejjem fil-għaqda ta' l-umanità sħiħa tiegħu ma' Alla (ara: Mt 26:39; Mk 7:34; Ġw 11:41; 17:1; Lhud 5:7). Dan igħallima, li meta nitolbu, aħna mmorru b'dak li verament aħna quddiem il-Missier: bil-ferħ u bin-niket, bis-saħħa u bil-mard, b'radd il-ħajr u bil-ħtiġijiet tagħna. Ġesù jitlob f'kull mument importanti tal-ħajja tiegħu (Lq 3:21-22; 9:28-29; Mk 14:32) u qabel kull ġrajja deċiżiva fil-ministeru tiegħu (Lq 6,:12; 9:18; 11:1; Mk 1:35). Imma talab ukoll anke fil-ħajja ordinarja ta' kuljum, wara ġurnata xogħol ta' predikazzjoni u fejqan. Għal Ġesù it-talb u l-ħajja kienu ħaġa waħda magħġuna flimkien, għaġna li ssaħħet mill-mumenti speċjali ta' talb li ħass li kellu bżonn kontinwament jagħmel. It-talb huwa l-akbar sinjal tad-dipendenza tagħna minn Alla, aħna li nersqu bit-tama lejn il-Missier biex jidħol b'qawwa fid-dgħufija tagħna, igħarrafna r-rieda tiegħu, u jkun Hu stess li jagħtina l-qawwa nagħmluha.
Hekk għamel Ġesù fil-Ġnien tal-Ġetsemani, fejn insibu d-dehra evanġelika ta' l-isbaħ talba, tat-talba perfetta tan-nisrani (Mt 26:36-46): "Tkun magħmula r-rieda tiegħek!". B'talbna nesprimu l-fiduċja u l-ferħ tagħna fil-provvidenza ta' Alla li jlibbes bil-ġmiel il-ġilji tal-widien u jnissel il-gratitudini fil-qalb ċkejkna




tagħna (Mt 6:25-34). Ma' Ġesù nifirħu għal pjan divin f'ħajjitna (Lq 10:21-22), u nroddu ħajr lil Alla għall-qawwa tremenda tiegħu f'ħajjitna, bħalma għamel l-istess Ġesù quddiem il-qabar ta' Lazzru (Ġw 11:42).

Il-Vanġeli jgħallmuna li f'din id-dipendenza tagħna minn Alla huwa sewwa nitolbu għal dak li neħtieġu. Huwa sewwa li nagħmlu t-talb ta' interċessjoni, għalina u għall-bżonnijiet ta' l-oħrajn. Nitgħallmu nitolbu għall- bżonnijiet tagħna individwali (Mt 6:11), għal aktar ministri tal-Vanġelu (Lq 10:2), għat-tamiet tal-Knisja (Mt 5:11) u għal dawk li huma fi bżonn fid-dinja (Mk 6: 34). Nitgħallmu nitolbu mhux biss mill-eżempju ta' Kristu imma anke mit-tagħlim tiegħu. Hu jgħallimna nitolbu bil-fidi u l-fiduċja: "Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom"(Lq 11:9). Din il-fiduċja hija mibnija fuq il-fatt li l-Missier jaf aħna x'neħtieġu (Mt 6, 8) u fuq il-kliem ta' Ġesù: "U kull ma titolbu f'ismi, jiena nagħmlu, biex il-Missier ikun igglorifikat fl-Iben"(Ġw 14:13). Hu għalhekk li bil-parabboli tiegħu Ġesù għallimna nitolbu b'kostanza u perseveranza (Lq 11:5-8; 18:1-8), bi kliem sempliċi u ħiereġ tassew mill-qalb (Mt 6:7). Ġesù igħallimna nitolbu biex nagħrfu u nagħmlu r-rieda tal-Missier u mhux biex inbiddlu r-rieda ta' Alla! It-talb tagħna huwa l-mod biex aħna nilqgħu bl-imħabba il-preżenza ta' Alla f'ħajjitna.

Meta d-dixxipli talbu lil Ġesù jgħallimhom jitolbu, huwa għaddielna t-talba tal-Missierna. B'din it-talba perfetta Ġesù għallimna nagħrfu f'Alla lil Missier, l-'Abba' tagħna; għallimna nigglorifikaw l-isem imqaddes tiegħu u nfittxu s-saltna u r-rieda tiegħu fil-kuljum ta' ħajjitna. Għallimna nitolbu għall-bżonnijiet tagħna, li nixxennqu għall-maħfra u li jimlina bil-qawwa t-tama fil-mumenti tat-tiġrib; u jeħlisna mill-Ħażin. Il-Bibbja hija tassew għajn bla taqta' għat-talb! Jekk nitolbu bis-salmi jew nistgħagbu bil-ħolqien, jew nimxu ma' Israel fid-deżert jew ningħaqdu ma' Ġesù u ngħajtu 'Abba', nindunaw li aktar ħin ma ngħaddu mal-Bibbja, aktar inkunu qed

nitolbu. Għax tassew, "musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119:97).

*Dan l-artiklu huwa wieħed minn sensiela ta' artikli li kien deher il-Ktieb, Il-Bibbja f'Idejna, Introduzzjoni Ġenerali għall-Iskrittura Mqaddsa, ippubblikat mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa fis-sena 2008.*

*Fl-okkażjoni tas-Sena Pastorali ddedikata lis-Smigħ tal-Kelma ta' Alla, fid-Djoċesi ta' Għawdex, u f'għeluq il-mitt sena mill-wasla ta' l-Istatwa Titulari ta' Sant'Antnin ta' Padova, fil-Knisja tagħna ta' Għajnsielem, il-Ktieb qed jiġi stampat mill-ġdid bħala sussidju għal dawk li jixtiequ jintroduċu ruħhom għall-Kotba Mqaddsa. U dan partikolarment għall-Gruppi Nsara f'Għawdex u l-Lajċi impenjati fi ħdan il-Knisja.*

*Il-Ktieb se jkun lest għal nofs iż-Żmien tar-Randan.*



# L-ISPIRTU S-SANTU FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*



Il-kelma bil-Grieg għall-Ispirtu hija *pneuma* tagħmel parti mill-vokabularju teoloġiku tal-Evanġelju skont San Ġwann, fejn tintuża għal tant drabi b'referenza għall-Ispirtu ta' Alla, għalkemm xi drabi tintuża għall-ġewwieni tal-bniedem. Meta San Ġwann juża din il-kelma b'referenza għall-Ispirtu ta' Alla, nistgħu ngħidu li juża b'erba' modi differenti. (i) L-Ispirtu huwa l-qawwa ta' Alla mogħti lill-bniedem. (ii) L-użu tal-kelma "Spirtu" hija marbuta mal-preżenza ta' Alla li twassal għall-ħajja ġdida f'dawk li jemmnu. (iii) Din il-ħajja ġdida hija ppreżentata bħala "twelid." (iv) Il-kelma "pneuma" hija użata f'rabta mal-kelma *parakletos,* l-avukat, dak li jgħinek, imsejjaħ "l-Ispirtu tal-Verità," għalkemm fi Ġw 14:26, l-avukat hu msejjaħ "l-Ispirtu s-Santu."

F'dan l-artiklu sejrin naraw l-użu tal-kelma *pneuma* fl-Evanġelju skont San Ġwann. B'dan il-mod inkunu nistgħu nkomplu napprezzaw it-teoloġija profonda ta' dan l-Evanġelju ppreżentata permezz tan-narrativa li hija differenti minn dik tal-Evanġelji Sinottiċi.

## L-Ispirtu s-Santu li baqa' fuq Ġesù

L-ispirtu jissemma sa mill-bidu nett tal-Evanġelju skont San Ġwann f'rabta mal-figura ta' Ġwanni l-Battista. L-Evanġelista San Ġwann, f'xebh mal-Evanġelji l-oħra, jibda l-ministeru ta' Ġesù f'rabta ma' Ġwanni l-Battista. Nistgħu ngħidu li f'kull Evanġelju hemm referenza għall-Ispirtu f'dawn il-ġrajjiet marbutin mal-Battista. Minkejja dan, ir-Raba' Evanġelista żviluppa u addatta din it-tradizzjoni dwar Ġwanni l-Battista skont l-għan li għalih kien qed jikteb.[1]

L-Evanġelista San Ġwann jippreżentalna lil Ġwanni l-Battista li ra lil Ġesù għaddej. Lid-dixxipli tiegħu Ġwanni jgħidilhom hekk: "Dan hu li għalih għedtilkom, 'Warajja ġej bniedem li hu aqwa minni, għax kien qabli. Anqas jien stess ma kont nafu; imma jien għalhekk ġejt ngħammed bl-ilma, biex hu jkun mgħarraf lil Israel.' U Ġwanni xehed għalih u qal: 'Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu.'"[2] Imbagħad inkomplu naqraw: "Tabilħaqq, anqas jien ma kont nafu; imma dak li bgħatni ngħammed l-ilma, hu stess qalli, 'Fuq min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu.'"[3]

Mela Ġwanni l-Battista mhux biss ra l-Ispirtu niżel fuq Ġesù, imma jenfasizza wkoll li l-Ispirtu "baqa'" fuq Ġesù. L-użu tal-verb "baqa'" - bil-Grieg: *menein* - huwa wieħed importanti f'dan l-Evanġelju, tant illi jintuża daqs erbgħin darba f'dan l-Evanġelju.[4] Aktarx li r-referenza għall-Ispirtu li niżel u "baqa" fuq Ġesù sservi biex turi li Ġesù kien tassew il-mibgħut tal-Missier, u allura dak kollu li għamel u qal kien ġej bil-qawwa tal-Missier. F'dan l-ewwel użu tal-kelma "tibqa'" f'rabta mal-Ispirtu li niżel fuq Ġesù, l-Evanġelista

diġà mela qed jurina, kif li "tibqa'" hija azzjoni li tappartjeni lir-realtà divina.[5] Fil-fatt, aktar ma' dan l-Evanġelista juża dan il-verb, aktar jieħu tifsira simbolika milli fiżika.[6]

Fil-Kummentarju tiegħu fuq l-Evanġelju skont San Ġwann, San Ċirillu ta' Lixandra, jikkumenta fit-tul fuq dan il-vers b'referenza għall-Ispirtu li "niżel" u "baqa'" fuq Ġesù. San Ċirllu jagħmel dan bl-użu tat-tipoloġija ta' Adam sabiex juri li l-Iben ta' Alla wera li kien it-Tieni Adam meta sar bniedem, irċieva l-Ispirtu bħala bniedem sabiex l-ewwel iqaddes l-umanità tiegħu u bħala konsegwenza jqaddes il-kumplament tal-umanità.[7]

## Twelid mill-ilma u l-Ispirtu

L-Ispirtu jerġa' jissemma f'wieħed mill-episodji li nsibuh irrakkuntat biss f'dan l-Evanġelju: il-laqgħa bejn Ġesù u Nikodemu li sseħħ bil-lejl. Fid-djalogu bejn dawn iż-żewġ personaġġi, Ġesù jispjega lil Nikodemu l-bżonn li jibda jirraġuna b'mod differenti. "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid/għoli (bil-Grieg: *anothen*), ma jistax jara s-Saltna ta' Alla."[8] Nikodemu ma jifhimx il-kliem ta' Ġesù, minħabba t-tifsira doppja tal-kelma bil-Grieg: *anotem.* Hekk fil-fatt turi t-tweġiba tiegħu għal dan il-kliem: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu jitwieled?"[9]

Bi tweġiba, Ġesù juża kliem differenti minn dak ta' qabel: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla."[10] Ninnutaw kif hawnhekk Ġesù jibdel il-kelma li uża fil-v.3 "mill-ġdid/mill-għoli" għal li titwieled "mill-ilma u l-Ispirtu." F'dan il-każ, mela, li titwieled mill-ġdid mhijiex xi ħaġa li tiddependi mill-bniedem kif ħaseb Nikodemu. Hawn min jinterpreta dan il-kliem bħala referenza għall-magħmudija – l-ilma





u l-ispirtu – bħala twelid spiritwali għall-ħajja ġdida.[11]

L-użu ta' kliem b'aktar minn tifsira waħda jkompli fl-istess silta meta Ġesù jgħid lil Nikodemu: "La tistagħġibx jekk jiena għedtlek li jeħtiġilkom titwieldu mill-ġdid. Ir-riħ (*pneuma* – spirtu) fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu."[12] Dan il-kliem jenfasizza n-natura misterjuża tal-Ispirtu. Il-bniedem ma jistax jifhem jew jaħkem ir-riħ, imma jista jesperjenzah jew iħoss l-effetti tiegħu. Hekk ukoll, fir-rigward tal-Ispirtu, aħna nistgħu biss inħossu l-effetti tiegħu.[13]

## Tqim lil Alla fl-Ispirtu u l-verità

Fil-kapitlu 4, l-Evanġelista San Ġwann jirrakkonta l-ġrajja tal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana. Ġesù jiftaħ id-djalogu meta jitlob lil din il-mara tatih jixrob, sakemm imbagħad igħidilna: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed jgħidlek, 'Agħtini nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj."[14] Bħal Nikodemu, din il-mara, ma tifhimx il-kliem ta' Ġesù, tant illi hija tagħmel din ir-reazzjoni: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?"[15] Għal dan il-kliem, Ġesù jweġibha: "Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx; imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem."[16]

Minkejja li Ġesù jwiegħed "ilma ħaj" lil din il-mara, hawnhekk huwa jibqa' ma jispjegax it-tifsira ta' din l-espressjoni. Huwa l-Evanġelista li jagħmel dan f'kumment li jinkludi aktar tard fil-Kapitlu 7, fejn naqraw: "Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam jgħid b'leħen għoli: 'Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.' Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispirtu kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat."'[17]

Fid-dawl ta' dan il-kliem, mela, nifhmu li r-referenza għall-Ilma Ħaj li Ġesù wiegħed lill-mara Samaritana, hija waħda li tirreferi għall-Ispirtu. Filwaqt li hawnhekk l-evanġelista jsolvina l-problema dwar it-tifsira tal-ilma ħaj b'referenza għall-Ispirtu, fl-istess ħin huwa joħloq diffikultà oħra: x'kien qed ifisser meta qal li l-Ispirtu kellu jingħata meta Ġesù jiġi igglorifikat?

X'ifisser tkun igglorifikat? Għall-Evanġelista San Ġwann, Ġesù jiġi igglorifikat fuq is-salib għax dan hu mument li fih Ġesù jirritorna għand il-Missier, fil-glorja li kellu sa minn dejjem.[18]

## Baxxa rasu u radd l-ispirtu

Dan iġibna għall-mistoqsija: kif Ġesù jagħti l-Ispirtu – "l-ilma ħaj" – minn fuq is-salib, jiġifieri fil-waqt meta Ġesù kien igglorifikat? San Ġwann jiddeskrivi l-mewt ta' Ġesù b'dan il-mod straordinarju: "Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal: 'Għandi l-għatx!' Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba tal-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu. Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: 'Kollox hu mitmum!' Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu."[19]

L-Evanġelista San Ġwann qatt ma jgħidilna b'mod espliċitu li Ġesù miet. Minflok, huwa juża espressjonijiet oħra biex ifisser dan, kif turina l-espressjoni ""Mejjel rasu u radd l-ispirtu" (bil-Grieg: *paredoken ho pneuma*). F'kelma oħra, dan l-Evanġelista qed igħidilna li Ġesù "spira" jiġifieri ħa l-aħħar nifs u allura miet. Imma l-użu ta' din l-espressjoni hawnhekk, tieħu tifsira aktar profonda hekk kif l-Evanġelista juża l-kelma "pneuma" bl-artiklu definittiv" – "l-ispirtu" mal-verb "ta" (bil-Grieg: *paradidomai*).

Dan jurina kif dak li suppost kien ġisem mejjet, fil-fatt kien qed jagħti l-ħajja. Dan kien il-mument fejn Ġesù kien qed jiġi gglorifikat minn fuq is-salib. Dan kien il-mument fejn Ġesù kien qed itemm il-wegħda tiegħu li jagħti l-Ispirtu meta jkun igglorifikat. San Ġwann mela, hawnhekk juża espressjoni ambigwa. Min-naħa jurina li Ġesù miet, min-naħa l-oħra qed jgħidilna li dan kien il-mument meta Ġesù kien qed jagħti "l-Ispirtu."[20]

## Nefaħ fuqhom

Fi Ġw 20:19-23 naqraw kif fl-ewwel jum tal-ġimgħa, id-dixxipli kienu miġburin flimkien bil-bibien magħluqa minħabba l-biża' tal-Lhud. Kristu Rxoxt jidhrilhom u jgħidlhom: "Il-paċi magħkom"[21] u wara li urihom il-marki tal-pjagi reġa' qalilhom: "Il-Paċi magħkom."[22] L-Evanġelista mbagħad jinnnota s-sentiment ta' ferħ li ħakem lid-dixxipli meta dawn raw lil Ġesù.[23] Fil-vers ta' wara naqraw: "Ġesù tenna jgħidilhom: 'Is-Sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom' Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu.'"[24]

Qabel ma Ġesù nefaħ fuq id-dixxipli l-Ispirtu, huwa fakkarhom fi prinċipju li nsibuh dejjem preżenti f'dan l-Evanġelju: Ġesù hu l-mibgħut tal-Missier. Dan il-prinċipju, Ġesù issa kien qed jgħaddih lid-dixxipli fir-relazzjoni tagħhom miegħu: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom."[25] Qabel ma jibgħathom għall-missjoni li kienet tħejjiet għalihom, id-dixxipli kellhom bżonn il-qawwa tal-Ispirtu li jiġi mogħti lilhom b'ġest li Ġesù jagħmel meta naqraw li "nefaħ fuqhom."[26]

Hawnhekk jidher li għandna referenza għal dak li naqraw f'Ġen 2:7 fejn il-Mulej Alla nefaħ in-nifs tal-ħajja fuq il-bniedem. Hekk ukoll f'Eżek 37:9 naqraw dwar il-wied mimli għadam niexef li fuqhom il-Muelj nefaħ in-nifs tiegħu biex ta l-ħajja lil dan l-għadam bla ħajja.[27] B'dan l-isfond, irridu nippruvaw nifhmu kif in-nifs li Kristu Rxoxt nefaħ fuq id-dixxipli, kien qed joħloq minnhom ħolqien ġdid – it-twelid ġdid li Ġesù kien tkellem fuqu ma' Nikodemu.[28]

Kif rajna mela l-Ispirtu huwa wieħed mit-temi teoloġiċi li l-Evanġelista jiżviluppa matul in-narrativa tiegħu, mill-bidu sal-aħħar. Huwa jagħmel dan billi juża l-kelma *pneuma* f'rabta' ma' kelmiet oħra li jieħdu tifsira simbolika għall-Ispirtu. Aktar ma niskopru t-tifsir ta' dan il-lingwaġġ simboliku,

aktar inkunu nistgħu napprezzaw il-mod uniku u sabiħ li bih dan l-Evanġelista jurina min hu u x'jagħmel fina l-Ispirtu.

## Referenzi


1 Dwar il-mod kif l-Evanġelju skont San Ġwann jitkellem dwar Ġwanni l-Battista ara, Robert L. Webb, John the Baptizer and Prophet: A Socio-Historical Study. Journal for the Study of the New Testament: Supplement Series 62 (Sheffield: Sheffield Academic Press 1991).

2 Ġw 1:39-32.

3 Ġw 1:33.

4 Ara F. Hauck, "meno," f'Theological Dictionary of the New Testament, ed. Gerhard Kittel (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1967), 4: 574-576.

5 Dwar dan il-punt ara Dorothy A. Lee, Flesh and Glory: Symbolism, Gender and Theology in the Gospel of John (New York: Crossroad, 2002), 89.

6 Ara l-użu ta' dal-verb menein fi Ġw 6:27.56 fejn it-tifsira tiegħu tingħaqad ma' tifsiriet sagramentali: Ġesù li hu fid-dixxipli u d-dixxipli f'Ġesù. Ara wkoll Ġw 15, fejn it-tixbiha tad-Dielja Vera tistrieħ ħafna fuq l-użu ta' dan il-verb f'rabta ma' Ġesù mad-dixxipli u viċi-versa. Ara Melvin R. Hillmer, "They Believed in Him: Discipleship in the Johannine Tradition," f'Patterns of Discipleship in the New Testament, ed. Richard N. Longenecker (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1996), 84-89.

7 Ara Cirillo di Alessandria, Commento al Vangelo di Giovanni. Collana di Testi Patristici 111 (Roma: Città Nuova, 1994), 1:187-202. Ara wkoll, Robert L. Wilken, The Interpretation of the Baptism of Jesus in the Later Fathers, Studia Patristica 11 (1967): 268-277.

8 Ġw 3:3.

9 Ġw 3:4.

10 Ġw 3:5.

11 Ara d-diskussjoni f'Santi Grasso, Il Vangelo di Giovanni, commento esegetico e teologico (Roma: Città Nuova, 2008), 151-154.

12 Ġw 3: 7-8.

13 Dwar dan ara Dorothy A. Lee, Symbolic Narratives of the Fourth Gospel: The Interplay of Form and Meaning. JSNTSS 95 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1994), 46.

14 Ġw 4:10.

15 Ġw 4:11. Għall-kuntrast bejn Nikodemu u din il-mara ara Mararet M. Beirne, Women and Men in the Fourth Gospel: A Genuine Discipleship of Equals. JSNTSS 242 (Shefflied: Sheffield Academic Press, 2003), 67-104.

16 Ġw 4:13-14.

17 Ġw 7:37-39.

18 Dwar it-tifsira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù bħala l-mument tal-glorifikazzjoni tiegħu skont il-ħsieb ta' San Ġwann ara, William Loader, Jesus in John's Gospel: Structure and Issues in Johannine Christology (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 2017), 213-281.

19 Ġw 19:28-30.

20 Dwar din it-tifsira doppja ta' Ġw 19:30 ara P. Létourneau, "Le double don de l'Esprit et la christologie du quartrième évangile," Science et Esprint 44 (1992): 281-306; Ignace de la Potterie, "Parole et Esprit dans S. Jean," f' L'Évangile de Jean: Sources, redaction, théologie, ed. M. de Jonge, BETL 44 (Gembloux: Duculot, 1977), 195-201.

21 Ġw 20:19.

22 Ġw 20:21.

23 Ara Ġw 20:20.

24 Ġw 20:21-22.

25 Ġw 20:21. Dwar dan il-prinċipju f'rabta mad-dixxipulat fl-Evanġelju skont San Ġwann ara, Andreas J. Köstenberger, The Missions of Jesus and the Disciples according to the Fourth Gospel (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1998), 190-197.

26 Ġw 20:22. Xi studjużi jinnegaw Ġw 19:30 bħala l-mument tal-għoti tal-Ispirtu fl-Evanġelju skont

San Ġwann, u minflok iżommu biss Ġw 20:22 bħala l-mument veru fejn Ġesù ta l-Ispirtu lid-dixxipli. Ara d-diskussjoni f' Gary M. Burge, The Anointed Community: The Holy Spirit in the Johannine Tradition (Grand Rapids: Eerdmans, 1987), 116-131, 147-149.

27 Ara Rekha M. Chennattu, Johannine Discipleship as a Covenant Relationship (Peabody, Massachusetts: Hendrickson, 2006), 161-163, fejn jiġi diskuss dan l-isfont tat-Testment il-Qadim f'termini tal-Patt.

28 Ara Ġw 3:5.

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2023




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2023



Pellegrinaġġi Franġiskani 2023
Art Imqaddsa u Ġordanja
12 - 22 April
Art Imqaddsa
20 - 27 Mejju
24 Ġunju - 1 Lulju
19 - 26 Awwissu
9 - 16 Settembru
Art Imqaddsa u Sinai
8 - 18 Novembru
Assisi
23 Settembru - 1 Ottubru
DOMINI
NVNTIAVIT
MARIAE
S. LVCAS
S. JOANNES
ET HABITAVIT
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt